II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/501

tat-12 ta' Ġunju 2015

dwar it-tariffi applikati minn hidroelectrica tar-rumanija għal S.C. ArcelorMittal Galați, S.C. Alro SA, S.C. Alpiq RomEnergie S.R.L., S.C. Alpiq RomIndustries S.R.L., S.C. Energy Financing Team Romania S.R.L. (EFT), S.C. Electrica S.A., S.C. Electromagnetica SA, S.C. Energy Holding S.R.L., S.C. EURO-PEC S.A., S.C. Luxten-Lighting Group S.A., S.C. Electrocarbon S.A. Slatina, u S.C. ELSID Titu S.A. — SA.33623 (2012/C), SA.33624 (2012/C), SA.33451 (2012/C) u SA.33581 (2012/C)

(notifikata bid-dokument C(2015) 3919)

(It-test bir-Rumen biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-deċiżjonijiet li bihom il-Kummissjoni bdiet il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-għajnuna SA.33623 (2012/C, ex 11/NN) ([1]); SA. 33624 (2012/C, ex 2011/CP) ([2]); SA.33451 (2012/C, ex 2012/NN) ([3]); u SA. 33581 (2012/C) ([4]).

Wara li stiednet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet ikkwotati hawn fuq u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. IL-PROĊEDURA

(1) Fit-28 ta' Jannar 2011 u fit-2 ta' Awwissu 2011, il-Kummissjoni rċeviet tliet ilmenti mingħand il-fond ta' investiment S.C. FP Proprietatea S.A. ("FP" jew "l-ilmentatur") b'rabta mal-bejgħ tal-elettriku minn S.C. Hidroelectrica S.A. ("Hidroelectrica") lil diversi xerrejja bi prezzijiet allegatament stabbiliti f'livell inqas minn dak tas-suq.

(2) Fil-25 ta' April 2012, il-Kummissjoni infurmat lir-Rumanija li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([5]) ("TFUE") fir-rigward tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat allegati, minn hawn 'il quddiem imsejħin flimkien bħala "d-deċiżjonijiet tal-ftuħ":

— SA.33623 rigward S.C. ArcelorMittal Galați S.A. ("ArcelorMittal");

— SA.33624 rigward S.C. Alro S.A. ("Alro");

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 2516 finali tal-25 ta' April 2012 dwar il-każ SA. 33623 (ĠU C 189, 29.6.2012, p. 3).
([2]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 2517 finali tal-25 ta' April 2012 dwar il-każ SA. 33624 (ĠU C 268, 5.9.2012, p. 21).
([3]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 2542 finali tal-25 ta' April 2012 dwar il-każ SA. 33451 (ĠU C 395, 20.12.2012, p. 5).
([4]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 2556 finali tal-25 ta' April 2012 dwar il-każ SA. 33581 (ĠU C 395, 20.12.2012, p. 34).
([5]) ĠU L 115, 9.5.2008, p. 92.

— SA.33451 rigward S.C. Alpiq RomEnergie S.R.L. ("S.C. Alpiq RomEnergie"), S.C. Alpiq RomIndustries S.R.L. ("Alpiq RomIndustries"), S.C. Energy Financing Team Romania S.R.L. ("EFT"), S.C. Electromagnetica S.A. ("Electromagnetica"), S.C. Energy Holding S.R.L. ("Energy Holding"), S.C. Euro-Pec S.A. ("Euro-Pec"), S.C. Electrica S.A. ("Electrica") u S.C. Luxten-Lighting Group S.A ("Luxten-Lighting"); minn hawn 'il quddiem imsejħin flimkien bħala "negozjanti tal-elettriku";

— u SA 33581 rigward S.C. Electrocarbon S.A. Slatina ("Electrocarbon") u S.C. ELSID Titu S.A. ("Elsid"), minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-produtturi tal-elettrodi".

(3) Id-deċiżjonijiet tal-ftuħ ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([6]). Il-Kummissjoni sejħet lill-awtoritajiet Rumeni u lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom.

(4) Fit-23 ta' Lulju 2012 l-awtoritajiet Rumeni taw il-kummenti tagħhom lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjonijiet tal-ftuħ.

(5) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand 11 ([7])-il parti interessata, jiġifieri:

— fil-każ SA.33623 minn ArcelorMittal fit-30 ta' Lulju 2012 u t-2 Awwissu 2012. Fil-5 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni għaddiet il-kummenti tal-partijiet interessati lill-awtoritajiet Rumeni.

— fil-każ SA.33624 mingħand Alro fit-3 ta' Ottubru 2012, it-28 ta' Novembru 2012, it-12 ta' April 2013 u t-30 ta' Mejju 2013, u fil-5 ta' Ottubru 2012 mingħand kompetitur. Fil-13 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni għaddiet il-kummenti tal-partijiet interessati lill-awtoritajiet Rumeni.

— fil-każ SA.33451 mingħand Alpiq RomEnergie u Alpiq RomIndustries fl-1 ta' Awwissu 2012 u l-20 ta' Jannar 2013, mingħand EFT fl-4 ta' Frar 2013, mingħand Energy Holding fit-18 u l-21 ta' Jannar 2013, u mingħand Electromagnetica fit-22 ta' Jannar 2013. Fil-13 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni għaddiet il-kummenti tal-partijiet interessati lill-awtoritajiet Rumeni.

— fil-każ SA.33581 minn Electrocarbon u Elsid fit-18 ta' Mejju 2012 u t-18 ta' Jannar 2013. Fil-13 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni għaddiet il-kummenti tal-partijiet interessati lill-awtoritajiet Rumeni.

(6) L-awtoritajiet Rumeni wieġbu għall-kummenti tal-partijiet interessati fil-15 ta' Jannar 2013 fil-każ SA.33624 u fl-24 ta' Marzu 2013 fil-każijiet SA.33451 u SA.33581.

(7) Il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni mingħand l-awtoritajiet Rumeni.

— fil-każ SA.33623 (ArcelorMittal) permezz tal-ittri datati t-30 ta' Ottubru 2012, il-15 ta' April 2013 u d-29 ta' Lulju 2013;

— fil-każ SA.33624 (Alro) permezz tal-ittri datati t-22 ta' Mejju 2012, it-30 ta' Ottubru 2012 u l-15 ta' April 2013;

— fil-każijiet SA.33451 u SA.33581 (negozjanti tal-elettriku u produtturi tal-elettrodi) permezz tal-ittri datati s-6 ta' Awwissu 2014 u l-25 ta' Settembru 2014.

— fl-erba' każijiet kollha kemm huma fid-29 ta' Lulju 2013 u l-21 ta' Frar 2014.

(8) L-awtoritajiet Rumeni pprovdew aktar informazzjoni:

— fil-każ SA.33623 (ArcelorMittal), fit-30 ta' Novembru 2012, it-3 u l-10 ta' Ġunju 2013, is-16 ta' Lulju 2013, il-11 ta' Settembru 2013, it-18 ta' Diċembru 2013, l-20 ta' Marzu 2014, l-24 ta' Marzu 2014 u l-14 ta' Mejju 2014;

— fil-każ SA.33624 (Alro) fid-19 ta' Ġunju 2012, it-23 ta' Lulju 2012, it-30 ta' Novembru 2012, il-15 ta' Jannar 2013, it-3 ta' Ġunju 2013, il-11 ta' Settembru 2013, it-18 ta' Diċembru 2013, l-24 ta' Marzu 2014 u l-14 ta' Mejju 2014;

— fil-każijiet SA.33451 u SA.33581 (negozjanti tal-elettriku u produtturi tal-elettrodi) fil-11 ta' Settembru 2013, l-24 ta' Marzu 2014, l-14 ta' Mejju 2014, it-3 ta' Settembru 2014 u fl-10 ta' Ottubru 2014.

(9) Fil-11 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni bagħtet talba għal aktar kjarifiki lil Energy Holding rigward il-kummenti tagħha li għamlet fil-każ SA.33451 (negozjanti tal-elettriku). Energy Holding wieġbet fit-8 ta' Mejju 2014.

([6]) Każ SA. 33623 (ĠU C 189, 29.6.2012, p. 3); każ SA. 33624 (ĠU C 268, 5.9.2012, p. 21); każ SA. 33451 (ĠU C 395, 20.12.2012, p. 5) u każ SA. 33581 (ĠU C 395, 20.12.2012, p. 34).

([7]) Inklużi l-osservazzjonijiet preliminari ppreżentati minn Luxten-Lighting u Euro-Pec qabel il-pubblikazzjoni tal-istedina sabiex jipprovdu kummenti dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ: Luxten-Lighting fl-14 ta' Awwissu 2012 u Euro-Pec fit-13 ta' Awwissu 2012.

(10) Il-Kummissjoni rċeviet aktar sottomissjonijiet mingħand il-partijiet interessati:

— fil-każ SA.33623 (ArcelorMittal) permezz ta' ittra elettronika fit-30 ta' Lulju u t-2 ta' Awwissu 2012;

— fil-każ SA.33624 (Alro) permezz tal-ittri tat-30 ta' Mejju, it-28 ta' Ġunju, u t-2 ta' Lulju 2013 u l-21 ta' Marzu 2014;

— fil-każ SA.33451 (negozjanti tal-elettriku) permezz ta' ittri datati t-18 u d-19 ta' Novembru 2013, is-16 u t-18 ta' Ġunju 2014, u l-25 ta' Lulju u l-25 Novembru 2014;

— fil-każ SA.33581 (produtturi tal-elettriku) b'fax u b'ittra elettronika fit-18 ta' Jannar 2013.

2. **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI TA' GĦAJNUNA ALLEGATI**

(11) Din it-taqsima tiddeskrivi l-partijiet kontraenti (jiġifieri Hidroelectrica u l-benefiċjarji allegati), kif ukoll il-kuntratti ta' bejgħ tal-elettriku, fil-kuntest tas-suq tal-elettriku tar-Rumanija.

2.1. **Il-partijiet kontraenti**

2.1.1. *Hidroelectrica*

(12) Hidroelectrica twaqqfet fl-2000, meta l-Gvern Rumen ħoloq erba' kumpaniji indipendenti totalment tal-Istat. Hidroelectrica hija kkontrollata mid-dritt ordinarju tal-kumpaniji. Il-kapital azzjonarju tagħha huwa miżmum mill-Istat Rumen permezz tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Kummerċ (80,056 %) u l-ilmentatur (19,943 %). L-Istat tar-Rumanija huwa rappreżentat fil-laqgħat ġenerali tal-azzjonisti u jaħtar membri tal-Bord tad-Diretturi ta' Hidroelectrica. Fil-fatt, il-membri tal-Bord tad-Diretturi ta' Hidroelectrica jistgħu jgħaqqdu din il-funzjoni ma' karigi mal-gvern ([8]).

(13) Hidroelectrica hija l-produttur ewlieni tal-elettriku tar-Rumanija b'kapaċità tal-produzzjoni annwali ta' madwar 17,5 TWh f'sena idroloġika normali. Hidroelectrica tipproduċi l-elettriku permezz ta' digi u impjanti tal-ġenerazzjoni mingħajr riżervi. Madankollu, din il-produzzjoni hija soġġetta għal varjazzjonijiet kbar skont il-kundizzjonijiet idroloġiċi: fl-2004, il-produzzjoni ta' Hidroelectrica kienet ta' 17,6 Twh filwaqt li fl-2009 kienet ta' 16,4 TWh u fl-2010 kienet ta' 21,3 TWh. Fl-2013, is-sehem mis-suq ta' Hidroelectrica kien ta' 28,24 %, ikbar minn dak ta' Complexul Energetic Oltenia, produttur tal-elettriku ibbażat fuq faħam termali, b'sehem mis-suq ta' 20,83 % u Nuclearelectrica b'sehem mis-suq ta' 20,65 %. Kemm Complexul Energetic Oltenia kif ukoll Nuclearelectrica huma kumpaniji tal-Istat.

(14) L-istruttura tal-kostijiet ta' Hidroelectrica hija kkaratterizzata minn kostijiet fissi għoljin (marbutin mal-amortizzazzjoni tad-digi tal-enerġija u tax-xogħlijiet ċivili u mal-manutenzjoni regolari) u kostijiet tal-produzzjonijiet varjabbli baxxi. L-idroelettriku spiss ikollu kostijiet marġinali inqas minn sorsi tal-elettriku oħrajn, b'mod partikolari l-karburanti fossili. Din l-istruttura tal-kostijiet ġejja mill-fatt li l-produzzjoni tal-elettriku bbażata fuq l-idroenerġija tipikament ma jkollhiex kostijiet tal-karburant jew kostijiet marġinali sinifikanti ([9]). Minn dan isegwi li l-politiki għall-bejgħ u l-irkupru sħiħ tal-kostijiet ogħla mill-kostijiet marġinali tal-produzzjoni fuq il-medda tal-produzzjoni mibjugħa mill-produtturi tal-idroenerġija huma fil-parti l-kbira ddeterminati b'mod individwali minn

([8]) Il-membri tal-Bord tad-Diretturi ta' Hidroelectrica ħlief id-Direttur Ġenerali ta' Hidroelectrica u r-rappreżentant tal-Fondul Proprietatea (2010), kellhom funzjonijiet oħrajn f'diversi Ministeri fl-istess ħin u nħatru permezz ta' Ordnijiet maħruġin mill-Ministeru tal-Ekonomija u l-Kummerċ, kif ġej: (i) fl-2005-2006: il-konsulent personali fil-kabinett tal-Ministru tal-Ekonomija u l-Kummerċ; id-direttur tal-Kabinett tal-Ministru għall-Intrapriżi Żgħar u Medji; il-konsulent personali fil-kabinett tal-Ministru fil-Ministeru tal-Finanzi Pubbliċi u l-konsulent personali fis-Segretarjat Ġenerali tal-Gvern kienu membri tal-Bord tad-Diretturi ta' Hidroelectrica; (ii) fl-2007 – 2008 — sitwazzjoni mhux magħrufa; (iii) fl-2009: is-Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Ekonomija u l-Kummerċ kien ukoll il-President tal-Bord tad-Diretturi ta' Hidroelectrica (2009), filwaqt li Segretarju tal-Istat ieħor fil-Ministeru tal-Finanzi Pubbliċi u żewġ diretturi ġenerali fil-Ministeru tal-Ekonomija u l-Kummerċ ukoll kienu membri tal-Bord tad-Diretturi ta' Hidroelectrica; (iv) fl-2010: tliet konsulenti personali tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Kummerċ, Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Finanzi u Direttur Ġenerali fil-Ministeru tal-Ekonomija u l-Kumerċ kienu membri tal-Bord tad-Diretturi ta' Hidroelectrica.

([9]) Ara l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija: "Projected costs of generating electricity" 2010 edition, taqsima 4.2 "Country by country data on electricity generating costs" p. 89.

kull produttur. Apparti r-regola bażika li l-kostijiet sħaħ għandhom jiġu rkuprati fit-tul għall-ġenerazzjoni tal-idroenerġija (jew enerġija oħra), ma hemm ebda regola ekonomika preskrittiva jew normattiva għad-determinazzjoni tal-prezz ottimali bbażata biss fuq il-kostijiet għal segmenti speċifiċi ta' xerrejja fit-terminu qasir sa medju. Dan jaqta' barra, pereżempju, il-kWh kollha mibjugħin li bilfors iridu jagħtu l-istess kontribuzzjoni għall-irkupru sħiħ tal-kostijiet fissi, indipendentement mill-produzzjoni mibjugħa lil kull xerrej. Madankollu, minħabba d-dipendenza tagħha fuq il-livell ta' idroloġija u l-inabbiltà tagħha li taġġusta l-bażi tal-kostijiet fissi, Hidroelectrica hija, b'mod ġenerali, esposta fit-tul għal grad ta' riskju dovut għall-volatilità inkontrollabbli tal-produzzjoni tagħha u, konsegwentement, tar-rikavati tagħha. B'ħekk, Hidroelectrica teħtieġ produzzjoni stabbli għall-produzzjoni tagħha fit-tul sabiex tagħmel rikavati stabbli u prevedibbli.

(15) Sal-2005, meta ġew iffirmati ħafna mill-kuntratti investigati, l-istrateġija ta' Hidroelectrica kienet tinvolvi l-immodernizzar u l-bini ta' idrofaċilitajiet ġodda b'kapaċità ta' 1,6 GW. L-investiment sħiħ kien stmat għal EUR 5,9 biljun fil-perjodu 2005-2025. Il-programm ta' modernizzazzjoni kien jeħtieġ finanzjament estern ta' EUR 800 miljun.

Hidroelectrica bdiet bil-proċedimenti ta' insolvenza fis-26 ta' Ġunju 2012 ([10]), u dawn intemmu fis-26 ta' Ġunju 2013 ([11]). Mill-25 ta' Frar 2014, Hidroelectrica reġgħet bdiet bil-proċedimenti ta' insolvenza. Skont ir-Rapport dwar l-Insolvenza mfassal mir-riċevitur, diversi fatturi wasslu għall-insolvenza ta' Hidroelectrica, fosthom l-obbligu li tbigħ sehem imdaqqas mill-produzzjoni tagħha fis-suq regolat bi prezzijiet inqas mill-kost tal-produzzjoni, l-obbligu li tixtri kwantitajiet kbar ta' elettriku mill-produtturi tal-elettriku tal-Istat Rumeni iktar għoljin (kwantitajiet li mbagħad reġgħu nbiegħu bi prezzijiet orħos), il-portafoll tal-kuntratti tal-bejgħ, l-investimenti eċċessivi, il-ġestjoni ħażina u l-kostijiet lavorattivi għoljin — li lkoll wasslu sabiex Hidroelectrica ma setgħetx tħallas id-djun li kellha lill-krediturі tagħha ([12]).

2.1.2. *Il-benefiċjarji allegati*

(16) Il-klijenti li magħhom Hidroelectrica daħlet fil-kuntratti taħt investigazzjoni kienu:

— tmien negozjanti tal-elettriku: **Alpiq RomEnergie**, qabel imsejħa SC EHOL Distribution, is-suċċessur legali ta' Energy Holding. EHOL Distribution inbiegħet lil Alpiq u ngħatat l-isem il-ġdid Alpiq RomEnergie; **Alpiq RomIndustries**, qabel imsejħa SC Buzmann Industries SRL, it-tnejn li huma proprjetà tal-operatur privat Żvizzeru Alpiq, li nħolqot bil-fużjoni ta' Aare-Tessin Ltd. for Electricity u EnergieOuest Suisse fl-2008 u li hija attiva primarjament fix-Xlokk tal-Ewropa; **EFT**, sussidjarja tal-EFT Group ibbażat Ċipru, li hija attiva primarjament fir-reġjun Balkan; **Electrica**, fornitur tas-servizzi tal-elettriku kemm għal klijenti konsumaturi eliġibbli kif ukoll għall-kumpaniji sussidjarji tagħha stess, attiva fir-Rumanija; **Electromagnetica**, fornitur tal-prodotti u s-servizzi tad-dawl u negozjant tal-elettriku bbażat ir-Rumanija; **Energy Holding**, fornitur tal-enerġija bi sjieda privata li huwa attiv fir-Rumanija kif ukoll fix-Xlokk tal-Ewropa; **EURO-PEC**, negozjant fi prodotti tal-ħadid u l-azzar għall-kostruzzjoni ċivili, industrijali u navali u negozjant tal-elettriku attiv fix-Xlokk tal-Ewropa; u **Luxten-Lighting**, produttur tal-prodotti tad-dawl u negozjant tal-elettriku.

— Żewġ produtturi tal-elettrodi: **Electrocarbon**, kumpanija kkwotata fil-Borża li timmanifattura elettrodi tal-grafit, kokk petroliferu kalċinat, pejst Soderberg u blokok tal-karbonju għal fornijiet tal-blast; u **Elsid**, li twaqqfet fl-1984 sabiex tipproduċi elettrodi tal-grafit għall-industrija metallurġika.

— **ArcelorMittal**, sussidjarja tal-grupp multinazzjonali attiv bl-istess isem, li huwa produttur tal-azzar prominanti madwar id-dinja. ArcelorMittal tipproduċi kojls illaminati bis-sħana u bil-kesħa, kojls galvanizzati, kojls imnaddfin bl-aċidu u mogħtija ż-żejt, u pjanċi. ArcelorMittal hija l-ikbar produttur tal-azzar fir-Rumanija u t-tieni l-ikbar konsumatur industrijali tal-elettriku fir-Rumanija, b'konsum annwali tal-elettriku li jaqbeż il-1,7 TWh.

— **Alro,** sussidjarja ta' Vimetco NL, kumpanija holding bi sjieda Russa bil-kwartieri ġenerali tagħha fin-Netherlands. B'konsum annwali tal-elettriku li jaqbeż it-3 TWh/sena f'faxxa ta' continuum (24 siegħa kuljum), Alro hija l-ikbar konsumatur industrijali tal-elettriku fir-Rumanija.

([10]) Deċiżjoni tat-Tribunal ta' Bukarest Nru 22456/3/2012 datata s-26 ta' Ġunju 2012.
([11]) Deċiżjoni tat-Tribunal ta' Bukarest Nru 6482 datata s-26 ta' Ġunju 2013.
([12]) Disponibbli bir-Rumen biss fuq http://www.euroinsol.eu/uploads/Raport%2059%20Hidro%20v11.pdf

2.2. **Il-kuntratti**

(17) Hidroelectrica kkonkludiet 14-il kuntratt għall-provvista tal-elettriku lill-benefiċjarji allegati, jiġifieri kuntratt wieħed ma' kull wieħed mit-tmien negozjanti tal-elettriku għal Electrica ([13]), Electrocarbon, Elsid u Alro, u kuntratti ta' sentejn ma' ArcelorMittal. Il-karatteristiki ewlenin ta' dawn il-kuntratti huma deskritti f'dettall fil-premessi 19 sa 23, hawn taħt. Għal deskrizzjonijiet iktar komprensivi u iktar dettalji, issir referenza għad-deċiżjoni ta' ftuħ f'kull każ u għall-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

(18) *Data tal-iffirmar tal-kuntratti:* Fl-2007 diġà kien hemm disa' kuntratti fis-seħħ, jiġifieri fi żmien l-adeżjoni tar-Rumanija fl-UE, u ħames kuntratti ġew iffirmati wara l-adeżjoni tar-Rumanija fl-UE ([14]).

(19) *Id-durata tal-kuntratti:* Ħafna mill-kuntratti ġew iffirmati għal perjodi twal, ta' bejn ħames u għaxar snin, jiġifieri: ħames kuntratti ġew konklużi għal perjodu inizjali ta' għaxar snin ([15]); żewġ kuntratti ġew konklużi għal perjodu inizjali ta' seba' snin ([16]); u tliet kuntratti ġew konklużi għal perjodu inizjali ta' ħames snin ([17]), tnejn minnhom estiżi għal perjodi addizzjonali ta' ħames snin fl-2004 ([18]); l-erba' kuntratti li jifdal ġew konklużi għal perjodi ta' sena ([19]) jew inqas ([20]).

(20) *L-istatus attwali tal-kuntratti*: Il-kuntratt ma' Alro biss għadu fis-seħħ. Il-kuntratti kollha l-oħrajn jew: (i) ġew terminati mir-riċevitur ta' Hidroelectrica matul il-proċedimenti ta' insolvenza fl-2012; (ii) ġew terminati b'mod individwali minn waħda mill-partijiet ([21]); jew inkella (iii) skadew ([22]).

(21) *Il-prezzijiet tal-kuntratt applikati:* il-prezzijiet stabbiliti fil-kuntratti investigati kienu prezzijiet *ad hoc* innegozjati ma' kull xerrej u mhux stabbiliti b'referenza għal grilja ta' tariffi preeżistenti applikata minn Hidroelectrica, eż. bħala skont jew valwazzjoni possibbli jew bħala grad tat-tariffa.

— Fil-kuntratt ma' Luxten-Lighting (negozjant tal-elettriku), il-prezz għall-ewwel ġie stabbilit b'ammont fiss għal perjodu indeterminat. Kull sena ġew iffirmati addenda sussegwenti li żiedu l-prezz tal-kuntratt inizjali.

— Fil-kuntratti ma' Electrocarbon u Elsid, il-prezzijiet għall-ewwel kienu stabbiliti b'ammont fiss għall-ewwel sena tal-kuntratt biss. Fl-1 ta' Settembru 2003 ([23]), il-prezz kien aġġustat għal ammont fiss, identiku għal kull waħda mis-snin sa tmiem il-perjodu tal-kuntratt inizjali. Mill-ġdid, qabel l-2007, il-partijiet reġgħu aġġustaw il-prezz prestabbilit għas-snin ta' wara sa tmiem il-perjodu tal-kuntratti għal ammont fiss identiku għal kull sena ([24]). Fil-prattika, minkejja l-fatt li l-prezz tal-kuntratt kien predeterminat b'ammont fiss, il-partijiet kull sena reġgħu nnegozjaw, u qablu fuq, prezzijiet oġħla mil-livell tal-kuntratt. Madankollu, meta fl-2010 Electrocarbon u Elsid ċaħdu milli jaċċettaw iż-żieda sħiħa fil-prezz mitluba minn Hidroelectrica, u Hidroelectrica xtaqet tinterrompi b'mod unilaterali l-provvista tal-elettriku, il-kwistjoni ttieħdet quddiem il-qorti kompetenti, li ma aċċettatx it-talba ta' Hidroelectrica li żżid il-prezzijiet f'livell oġħla minn dak stabbilit fil-kuntratti ([25]).

([13]) Electrica kkonkludiet żewġ kuntratti b'terminu qasir ma' Hidroelectrica.
([14]) Il-kuntratt ma' AlpiqRomEnergie; żewġ kuntratti ma' Electrica; u żewġ kuntratti ma' ArcelorMittal.
([15]) Ħames kuntratti man-negozjanti tal-elettriku (Alpiq RomIndustries; Electromagnetica; Energy Holding; Euro-Pec; Luxten-Lighting).
([16]) Kuntratti mal-EFT (negozjant tal-elettriku) u Alro.
([17]) Kuntratti ma' Electrocarbon u Elsid u Alpiq RomEnergie (negozjant tal-elettriku).
([18]) Kuntratti ma' Electrocarbon u Elsid.
([19]) Żewġ kuntratti ma' Arcelor Mittal.
([20]) Żewġ kuntratti ma' Electrica.
([21]) Il-kuntratt ma' Luxten-Lighting (negozjant tal-elettriku) ġie tterminat minn Luxten-Lighting b'avviż datat il-15 ta' Novembru 2011, b'effett mill-1 ta' Jannar 2012.
([22]) Il-kuntratti ma' Electrocarbon u Elsid skadew fit-13 ta' Marzu 2013 u l-kuntratt ma' Electromagnetica (negozjant tal-elettriku) skada fit-30 ta' April 2014.
([23]) Addendum 1 għall-kuntratt ma' Electrocarbon ipprovda għal prezz prestabbilit (b'ammont fiss — l-istess prezz) sat-28 ta' Frar 2008: Addendum 2 għall-kuntratt ma' Elsid ipprovda għal prezz prestabbilit sal-31 ta' Diċembru 2007.
([24]) Fl-1 ta' Lulju 2004, il-partijiet qablu fuq tabella li tistabbilixxi bil-quddiem prezz fiss fis-sena għall-perjodu 2006-2013 (jiġifieri: Addendum 4 għall-kuntratt ma' Electrocarbon u Addendum 5 għall-kuntratt ma' Elsid). Imbagħad il-prezzijiet ġew modifikati fl-1 ta' Jannar 2005 bil-prezzijiet prestabbiliti f'ammont fiss sal-31 ta' Diċembru 2007 għal Elsid u sat-28 ta' Frar 2008 għal Electrocarbon. Mill-2006, il-prezzijiet tal-kuntratt reġgħu ġew aġġustati kull sena għal Electrocarbon u Elsid.
([25]) Qorti tal-Ewwel Istanza: Olt Tribunal — Fajl 2800/104/2010 (Electrocarbon) u Dambovita Tribunal — Fajl 4102/120/2010 (Elsid).

(22) Id-dritt tal-partijiet li jitterminaw il-kuntratt b'mod unilaterali:

— Fil-kuntratti ma' Luxten-Lighting, Electrocarbon u Elsid, ix-xerrej kellu l-opportunità li jtemm b'mod individwali l-kuntratt wara li jagħti avviż bil-miktub 30 jum qabel it-terminazzjoni. F'każ li ma tiġix irrispettata din il-klawżola, ix-xerrej ikun obbligat iħallas l-ammonti kuntrattwali dovuti sakemm Hidroelectrica tiffirma kuntratt tal-provvista tal-elettriku ġdid b'kundizzjonijiet ekwivalenti ma' xerrej ġdid ([26]).

— Fil-kuntratti ma' Luxten-Lighting, Electrocarbon u Elsid, Hidroelectrica setgħet tittermina l-kuntratt fiċ-ċirkustanzi li ġejjin: (i) nuqqas ripetut ta' ħlas tal-prezz tal-kuntratt għall-elettriku mixtri u/jew nuqqas ripetut ta' ħlas ta' kwalunkwe penali dovuta skont il-kuntratt; (ii) telfien mix-xerrej tal-istatus tiegħu bħala konsumatur eliġibbli skont il-liġi Rumena (li huwa element importanti għall-kuntratt), f'liema każ it-terminazzjoni kienet possibbli fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data li fiha jintilef dan l-istatus; (iii) ċaħda mix-xerrej li jikkonkludi kuntratt ġdid jew li jemenda l-kuntratt eżistenti f'każ ta' bidla fiċ-ċirkustanzi ekonomiċi u tekniċi miksuba fid-data li fiha jidħol għall-kuntratt, f'liema każ it-terminazzjoni tkun possibbli b'avviż 30 jum tal-kalendarju minn qabel; kif ukoll (iv) f'każijiet oħrajn stipulati minn kwalunkwe liġi jew regolament applikabbli ([27]).

2.3. **Is-suq tal-elettriku Rumen**

(23) In-negozjar tal-elettriku fir-Rumanija fil-perjodu kkunsidrat jista' jsir f'żewġt iswieq: (i) is-suq tal-elettriku regolat li fih huwa nnegozjat l-elettriku fuq il-bażi ta' tariffi u kundizzjonijiet regolati u (ii) is-suq tal-elettriku kompetittiv li fih l-elettriku jiġi nnegozjat liberament, inkluż permezz ta' żewġ tipi ewlenin ta' kuntratt: kuntratti bilaterali nnegozjati fis-suq ċentralizzat, u kuntratti bilaterali nnegozjati liberament, l-ħekk imsejjaħ suq għal kuntratti nnegozjati direttament.

Is-suq tal-elettriku regolat

(24) Tranżazzjonijiet fis-suq tal-elettriku regolat huma implimentati permezz tal-ftehimiet ta' qafas fuq il-bejgħ u l-akkwist konklużi bejn il-produtturi tal-elettriku attivi fis-suq regolat, inkluża Hidroelectrica, u l-"fornituri tal-aħħar istanza", li jiżguraw id-distribuzzjoni tal-elettriku lill-utent aħħari. Il-fornituri tal-aħħar istanza għandhom l-obbligu li jfornu l-elettriku lill-konsumaturi eliġibbli li huma: (i) il-konsumaturi aħħarin li ma eżerċitawx id-dritt tagħhom li jagħżlu l-fornitur tagħhom u li jixtru fis-suq kompetittiv jew (ii) unitajiet domestiċi u klijenti li mhumiex unitajiet domestiċi li għandhom inqas minn 50 impjegat u fatturat annwali ta' inqas minn EUR 10 miljun ([28]). Il-konsumaturi eliġibbli jixtru l-elettriku fuq il-bażi ta' tariffi regolati.

(25) Fis-swieq regolati, l-Awtorità Regolatorja Rumena tal-Enerġija ("ANRE") tistabbilixxi l-prezzijiet u l-volumi li jridu jitwasslu mill-produtturi tal-elettriku *ex-ante* kull sena. B'konformità mat-talba tal-ANRE, Hidroelectrica hija obbligata tforni l-elettriku bl-ingrossa lid-distributuri li jfornu l-elettriku fil-livell tal-konsumatur fis-suq regolat. Il-prezzijiet għall-operaturi mħallsin lil Hidroelectrica huma stabbiliti mill-ANRE fuq il-bażi ta' livell iġġustifikat ta' kostijiet eliġibbli flimkien ma' rata ta' redditu. Bejn l-2004 u l-2010, il-prezzijiet għall-operaturi mħallsin lil Idroelectrica kienu kif ġej (RON/MWh) ([29]):

2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010
40	67	54,59	62,46	60,53	67,65	72

Is-suq tal-elettriku kompetittiv

(26) Mill-2005, is-suq tal-elettriku kompetittiv tar-Rumanija nqasam f'ħamest iswieq speċifiċi, jiġifieri:

— is-swieq ċentralizzati amministrati mill-OPCOM;

— is-suq għal kuntratti nnegozjati direttament;

([26]) L-Artikolu 10(2) ta' kull wieħed mit-tliet kuntratti.
([27]) L-Artikolu 10(1) ta' kull wieħed mit-tliet kuntratti.
([28]) L-Artikolu 55 paragrafu 1 tal-Liġi dwar l-Elettriku u l-Gass Nru 123/2012 kif emendata mil-Liġi Nru 127/2014.
([29]) Rapport ta' KPMG, Anness 3 għall-Memorandum of Energy Holdings datat is-27 ta' Frar 2012, p. 8, sors: Hidroelectrica's Annual Reports, 2010 Administrator's Report, KPMG Analysis.

— is-suq tas-servizzi anċillari;

— is-suq tal-ibbilanċjar, u

— is-suq tal-esportazzjoni.

(27) Is-swieq ċentralizzati huma amministrati mill-OPCOM. L-OPCOM twaqqfet fl-2001 permezz tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 627/2000, bħala kumpanija b'ishma konġunti u sussidjarja akkwiżita totalment ta' Transelectrica, l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni. Permezz tal-liċenzja mogħtija mill-ANRE, l-OPCOM ġie ddiżenjat bħala pjattaforma għan-negozjar tal-elettriku fir-Rumanija fil-livell tal-operaturi. L-OPCOM huwa l-unika borża tal-kambju tal-enerġija fir-Rumanija, li toffri qafas għan-negozjar tal-elettriku u li għandha rwol ta' faċilitatur.

(28) Hemm ħames tipi kbar ta' segmenti tas-suq fl-OPCOM: (i) is-suq ta' ġurnata bil-quddiem; (ii) is-suq tal-istess ġurnata, amministrat mill-OPCOM minn Lulju 2011 biss, (iii) is-swieq bilaterali ċentralizzati, jiġifieri s-suq ċentralizzat għal kuntrati bilaterali permezz ta' rkant pubbliku ("OPCOM-PCCB") u s-suq ċentralizzat għal kuntratti bilaterali permezz ta' negozjar kontinwu ("PCCB-NC"); (iv) is-suq ċentralizzat għal ċertifikati ekoloġiċi, u (v) il-pjattaforma tan-negozjar għaċ-ċertifikati tal-emissjonijiet ta' gass serra. Iċ-ċertifikati ekoloġiċi u ċ-ċertifikati tal-emissjonijiet ta' gass serra ma jinvolvux in-negozjar tal-elettriku direttament u, għalhekk, mhumiex deskritti hawn taħt. It-tranżazzjonijiet fuq l-OPCOM bdew biss fl-2005 u biss fis-swieq ta' ġurnata bil-quddiem u tal-OPCOM-PCCB.

(29) Fi żmien l-adeżjoni tar-Rumanija fl-UE fl-2007, l-elettriku kien innegozjat primarjament fis-suq tal-elettriku regolat (madwar 29 TWh jew madwar 55 % tad-domanda finali). Fis-suq tal-elettriku kompetittiv, l-elettriku kien innegozjat: (i) fl-OPCOM — PCCB, u (ii) fis-suq ta' ġurnata bil-quddiem, it-tnejn amministrati mill-OPCOM; imbagħad (iii) skont kuntratti nnegozjati direttament, spiss b'durata twila, kemm fil-livell tal-operaturi kif ukoll tal-konsumatur, (iv) fis-suq tal-ibbilanċjar, li fih is-sistema ta' trażmissjoni hija l-uniku xerrej, u finalment (v) fis-suq tal-esportazzjoni (3,3 TWh fl-2007). Bejn l-2007 u l-2010, il-bejgħ tal-elettriku f'dawn is-swieq mhux regolati fir-Rumanija kien kif ġej ([30]):

(TWh)

	2007	2008	2009	2010	Medja 2007-2010
Produzzjoni tal-elettriku — total	61,39	64,01	56,69	59,14	60,31
Suq tal-ibbilanċjar — total	3,49	3,55	3,21	2,97	3,30
Suq ta' ġurnata bil-quddiem — total	5,04	5,21	6,35	8,70	6,32
OPCOM PCCB — total	5,88	8,77	6,33	4,39	6,34

Il-bejgħ ta' Hidroelectrica fis-segmenti tas-suq.

(30) B'bejgħ annwali ta' 18,2 TWh u medja ta' sehem mis-suq ta' 30,2 % fil-perjodu 2007-2010, Hidroelectrica kienet (u għadha) il-produttur tal-elettriku ewlieni tar-Rumanija. Mill-2003, mal-ftuħ progressiv tas-suq għal xerrejja tal-elettriku intitolati li jagħżlu l-fornituri tagħhom, il-bejgħ ta' Hidroelectrica sar b'mod predominanti permezz ta' kuntratti bilaterali nnegozjati b'mod dirett. Sal-2007, dan il-bejgħ ammonta għal kważi żewġ terzi mill-bejgħ totali ta' Hidroelectrica. Kif inhu muri fit-tabella ta' hawn taħt, matul il-perjodu ta' wara l-adeżjoni tar-Rumanija mal-UE, bejn l-2007 u l-2010, is-sehem mill-bejgħ ta' Hidroelectrica mill-bejgħ totali tagħha baqa' relattivament stabbli għal madwar 19 % tas-segment tas-suq regolat u madwar 1 % għall-bejgħ lil produtturi oħrajn tal-elettriku. Sadanittant, is-sehem fis-swieq tal-ibbilanċjar, il-kuntratti bilaterali u l-esportazzjoni naqas bi ftit, filwaqt li s-sehem mill-bejgħ fis-segmenti tas-swieq amministrati mill-OPCOM żdied minn livelli kważi insinifikanti fl-2007 u l-2008 għal […] ([31]) % fl-2010.

([30]) KPMG report, Annex 3 to the Memorandum of Energy Holdings datat is-27 ta' Frar 2012, p. 21, sors: ANRE.
([31]) Sigriet kummerċjali.

Il-bejgħ ta' Hidroelectrica għal kull segment tas-suq	2007	2008	2009	2010	Medja 2007-2010 (%)
Is-suq regolat	(…)	(…)	(…)	(…)	19
Is-suq tal-ibbilanċjar	(…)	(…)	(…)	(…)	6
Is-suq tal-esportazzjoni	(…)	(…)	(…)	(…)	7
Produtturi oħrajn tal-elettriku	(…)	(…)	(…)	(…)	1
Kuntratti bilaterali	(…)	(…)	(…)	(…)	63
li minnhom kuntratti taħt skrutinju	(…)	(…)	(…)	(…)	58
OPCOM (ġurnata bil-quddiem u PCCB)	(…)	(…)	(…)	(…)	4

(31) Il-kuntratti ta' Hidroelectrica man-negozjanti tal-elettriku Electrocarbon, Elsid u Alro ġew konklużi fis-suq għal kuntratti nnegozjati direttament. Iż-żewġ kuntratti ma' ArcelorMittal għall-provvisti tal-elettriku mill-2010 u l-2011 ġew konklużi fl-OPCOM — PCCB, skont il-prinċipju tal-ogħla prezz offrut. Għaldaqstant, għad li l-valutazzjoni ekonomika u legali tal-kuntratti eżaminati għandha tirreferi għall-kuntest usa' tas-suq tal-elettriku Rumen, żewġ segmenti f'dan is-suq fil-parti l-kbira jikkonċernaw u huma rilevanti għall-kuntratti ta' Hidroelectrica li huma s-suġġett ta' din id-Deċiżjoni:

— L-OPCOM-PCCB kif identifikat u msemmi fid-deċiżjonijiet tal-ftuħ, li huwa ta' rilevanza partikolari wkoll għall-kuntratti ma' ArcelorMittal;

— is-suq għal kuntratti nnegozjati direttament, li fih ġew konklużi l-kuntratti kollha l-oħrajn soġġetti għall-proċedimenti attwali.

L-OPCOM-PCCB

(32) Fis-segment tas-suq tal-OPCOM-PCCB, l-OPCOM jorganizza l-irkantijiet pubbliċi għall-bejgħ u l-akkwist tal-elettriku. L-offerti tal-bejgħ jew l-akkwist minn kull fornitur jew konsumatur jiġu sottomessi lill-operatur tas-suq. Kull offerta trid tispeċifika dan li ġej: (i) il-prezz minimu li bih kull parti sejra tbigħ l-elettriku jew il-prezz massimu li bih sejra takkwista l-elettriku u (ii) il-ftehim qafas li skontu l-parti li tagħmel l-offerta biħsiebha tforni/takkwista l-elettriku. L-offerti tal-bejgħ u l-akkwist jispeċifikaw il-kundizzjonijiet tal-provvista inklużi dawk relatati mal-ammont tal-elettriku, id-durata (mhux inqas minn xahar u sa sena) u l-ftehim qafas previst. Il-prezz isegwi l-prinċipji tal-aħjar prezz offrut.

(33) Wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-ftuħ, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni b'applikazzjoni tal-Artikolu 102 tat-TFUE, filwaqt li sabet li l-borża tal-enerġija ġestita mill-OPCOM kienet tikkostitwixxi suq tas-servizzi rilevanti, li fih l-OPCOM kien impriża b'pożizzjoni dominanti u li kienet separata mis-suq għal kuntratti nnegozjati direttament ([32]).

Is-suq għal kuntratti nnegozjati direttament:

(34) Is-suq għal kuntratti negozjati direttament huwa suq ħieles li mhuwiex regolat mill-ANRE. Il-partijiet kontraenti jinnegozjaw il-kwantitajiet, il-prezzijiet u klawżoli oħra kuntrattwali b'mod bilaterali. Dan jagħti lill-partijiet livell ogħla ta' flessibbiltà fin-negozjar tal-patti u l-kundizzjonijiet tal-kuntratti tal-bejgħ. Dawn il-patti u l-kundizzjonijiet huma kunfidenzjali.

(35) Permezz ta' ittra datata l-21 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Rumeni jipprovdu dejta u informazzjoni dwar il-kuntratti konklużi fis-suq Rumen, minbarra l-kuntratti li huma s-suġġett ta' din id-Deċiżjoni u b'durati u kwantitajiet ta' provvista tal-elettriku komparabbli. It-talba tal-Kummissjoni kopriet

([32]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2014, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 102 tat-TFUE li jimponi multi skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 fil-każ AT.39 984 "Borża tal-Enerġija Rumena/OPCOM".

il-forniturі kollha tal-elettriku Rumeni, kemm jekk tal-istat jew privati. Fl-14 ta' Mejju 2014, l-awtoritajiet Rumeni pprovdew id-dejta mitluba fuq il-kuntratti fit-tul kollha li kienu ġew iffirmati mix-xerrejja tal-elettriku b'konsum tal-elettriku annwali ta' iktar minn 150 GWh u li kienu fis-seħħ fi żmien partikolari bejn l-2007 u l-2013 ([33]).

(36) B'mod partikolari, l-awtoritajiet Rumeni ppreżentaw dejta minn 96 kuntratt li kienu fis-seħħ bejn l-2007 u l-2013. L-awtoritajiet Rumeni saħqu fuq il-fatt li l-kuntratti konklużi minn konsumaturi li mhumiex unitajiet domestiċi fis-suq fil-livell tal-konsumatur f'kundizzjonijiet kompetittivi fil-perjodu ta' żmien rilevanti kienu soġġetti għall-ġbir ta' dejta *ad hoc* mitlub mill-Kummissjoni. Mil-lat tal-provvista, il-kuntratti daħlu fihom prattikament il-forniturі sinifikanti kollha li huma attivi fis-suq Rumen, minn produtturi fl-enerġija nukleari jew mis-setturi tal-karburanti fossili sa negozjanti li jixtru bl-ingrossa għall-bejgħ mill-ġdid fil-livell tal-konsumatur. Mil-lat tad-domanda, id-dejta rrapportata tkopri l-kuntratti ta' industriji kbar, relattivament intensivi fl-użu tal-enerġija, bħall-industriji tal-azzar, tas-sustanzi kimiċi, tas-siment, tal-manifattura tal-karozzi u tal-petrol u l-gass u tal-estrazzjoni tal-faħam u l-linjite ([34]).

(37) Ix-xerrejja kkonċernati daħlu f'kuntratti ppersonalizzati fit-tul fuq il-bażi ta' negozjati bilaterali ma' forniturі oħrajn għal durati u kwantitajiet simili, bħala medja, għal dawk għall-kuntratti ta' Hidroelectrica taħt skrutinju. Rigward il-kuntratti ta' Hidroelectrica, id-dejta rrapportata turi prezzijiet li varjaw ta' kull sena. Bħala medja għall-perjodu 2007-2010, dawn il-kuntratti fit-tul mhux koperti mill-proċedimenti kienu jirrappreżentaw 11,1 TWh elettriku, filwaqt li l-kuntratti tal-bejgħ ta' Hidroelectrica taħt skrutinju kienu jirrappreżentaw 10,5 TWh. F'termini relattivi, il-kuntratti msemmijin l-aħħar ta' Hidroelectrica kienu jirrappreżentaw 35 % tal-volum tal-elettriku soġġett għal kuntratti nnegozjati direttament fl-2007 filwaqt li l-kuntratti l-oħrajn kienu jkopru madwar 41 % tal-volum tal-elettriku soġett għal kuntratti nnegozjati direttament. Dawk li fadal (madwar 24 %) kienu jikkonċernaw kuntratti għal kwantitajiet inferjuri. Għaldaqstant, id-dejta rilevanti mill-kuntratti kollha li jissodisfaw il-kriterji mitlubin mill-Kummissjoni ta' perjodi u kwantitajiet komparabbli juru, kollox ma' kollox, kwantità simili għal dik għall-kwantità totali fornita minn Hidroelectrica skont il-kuntratti li huma s-suġġett tal-proċedimenti.

(38) Il-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni li tindika li l-konklużjoni tal-kuntratti koperti mid-dejta fornita mir-Rumanija kienet ir-riżultat ta' imġiba kummerċjali mhux konformi mas-suq jew li kienuet tkun affettwata mir-rekwiżiti regolatorji. Daqstant ieħor, għall-finijiet ta' tqabbil mal-kuntratti ta' Hidroelectrica taħt skrutinju, ir-Rumanija saħqet li l-kuntratti tal-provvista fil-livell tal-konsumatur ibbażati fuq il-provvista għall-operaturi minn Hidroelectrica lil partijiet soġġetti għall-investigazzjoni (negozjanti tal-elettriku) ġew esklużi mill-analiżi. Għaldaqstant, il-kuntratti fis-sett tad-dejta jistgħu jitqiesu li jirrappreżentaw il-kundizzjonijiet tas-suq miftehmin bejn ix-xerrejja disposti u l-bejjiegħa disposti.

3. **MOTIVI GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI**

(39) Fid-deċiżjonijiet tal-ftuħ, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk il-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku stipulati fil-kuntratti kinux jikkonformaw mas-suq u dwar jekk kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

(40) Il-Kummissjoni qabblet il-prezzijiet stipulati fil-kuntratti man-negozjanti tal-elettriku, Electrocarbon u Elsid bil-prezzijiet li bihom l-elettriku kien innegozjat fl-OPCOM-PCCB u osservat li l-prezzijiet li bihom Hidroelectrica biegħet l-elettriku lill-allegati benefiċjarji kienu bejn 10 % u 70 % inqas mill-prezzijiet medji fl-OPCOM-PCCB matul il-perjodu 2007-2010.

(41) Fil-każ tal-kuntratt ma' Alro, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li Alro kisbet vantaġġ indebitu fil-forma ta' prezzijiet tal-elettriku preferenzjali mraħħsin tul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2009 u mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2011, rispettivament, fuq il-bażi tal-formuli għall-indiċjar tal-prezzijiet applikabbli f'kull perjodu.

(42) Fil-każ taż-żewġ kuntratti ma' ArcelorMittal, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li, bil-konklużjoni tal-kuntratti tal-2009 u l-2010 għall-kunsinni tal-elettriku fl-2010 u l-2011, Hidroelectrica kienet biegħet l-elettriku bi prezzijiet inqas minn dak li setgħet tikseb jew: (i) billi taċċetta waħda mill-offerti ta' "xiri" paralleli disponibbli

([33]) Is-sett tad-dejta użat għall-valutazzjoni komparattiva inkluda 114-il osservazzjoni, li jkopru l-perjodu 2007-2010. Is-sett tad-dejta kien jinkludi l-informazzjoni li ġejja: l-identità tal-bejjiegħ u l-akkwirent, it-tip ta' kuntratt, id-data tad-dħul fis-seħħ u d-data ta' skadenza kif ukoll il-kwantità, il-profil tal-provvista u l-prezz medju ponderat għal kull sena mill-2007 sal-2013.

([34]) Il-lista ta' xerrejja hija pprovduta fit-Tabella 1 tal-Anness II.

fl-OPCOM dak iż-żmien għal prezzijiet ogħla jew (ii) billi tqiegħed l-offerta tal-bejgħ tagħha stess fuq l-OPCOM għal prezz aktarx ogħla minn dak li ħallset ArcelorMittal. Fil-fehma preliminari tal-Kummissjoni, il-prezzijiet maqbulin setgħu kkostitwixxew vantaġġ indebitu għal ArcelorMittal.

(43) Il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li t-tariffi tal-elettriku li qegħdin jiġu eżaminati kienu ta' natura selettiva, minħabba li kienu japplikaw biss għal ċerti intrapriżi. Peress li dawn l-impriżi kienu attivi fi swieq industrijali u tal-elettriku miftuħin għall-kompetizzjoni li fihom saru negozjati bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni ddikjarat li kwalunkwe vantaġġ ekonomiku possibbli għall-benefiċjarju seta' jgħawweġ il-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(44) Barra minn hekk, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li t-tariffi tal-elettriku preferenzjali jistgħu jinvolvu trasferiment ta' riżorsi tal-Istat li huma imputabbli għall-Istat minħabba li Hidroelectrica kienet ikkontrollata mill-Istat Rumen (80,06 % tal-kapital azzjonarju tagħha kien tar-Rumanija). Barra minn hekk, il-Kummissjoni rreferiet għad-Digriet Ministerjali Nru 445/2009, li permezz tiegħu r-rappreżentanti tal-Ministeru tal-Ekonomija, il-Kummerċ u l-Ambjent tan-Negozju u l-membri tal-bordijiet tad-diretturi tal-kumpaniji tal-elettriku tal-Istat kienu obbligati jiżguraw li, mill-31 ta' Marzu 2010, is-sehem tal-elettriku ddestinat għas-suq tal-operaturi jkun innegozjat esklussivament fl-OPCOM. Konsegwentement, ir-rappreżentanti tal-Ministeru tal-Ekonomija, in-Negozju u l-Ambjent Kummerċjali jistgħu jitqiesu li kellhom kontroll, jew tal-inqas influwenza, fuq il-prattiki kontraenti tal-kumpaniji tal-Istat, inklużi dawk ta' Hidroelectrica.

(45) Jekk dawn il-kuntratti involvew għajnuna mill-Istat, dawn jitqiesu li huma għajnuna mogħtija bi ksur tal-obbligi ta' notifika u stennija stabbiliti fl-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Il-Kummissjoni esprimiet dubju wkoll dwar jekk għajnuna bħal din tistax tkun kompatibbli mat-TFUE.

(46) Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li hemm il-potenzjal li t-tariffi tal-elettriku preferenzjali jistgħu jinvolvu għajnuna mill-Istat u stiednet lir-Rumanija sabiex tipprovdi biżżejjed informazzjoni li ttaffi dawn id-dubji.

4. **IL-KUMMENTI TAR-RUMANIJA**

(47) L-awtoritajiet Rumeni għamlu osservazzjonijiet biss b'rabta mad-deċiżjoni tal-ftuħ rigward il-kuntratti mal-forniturі tal-elettriku, ArcelorMittal u Alro u naqsu milli jagħmlu xi osservazzjoni b'rabta mal-kuntratti ma' Electrocarbon u Elsid.

(48) L-awtoritajiet Rumeni huma tal-fehma li l-kuntratti ma' ArcelorMittal u Alro ma involvew ebda għajnuna. Saħqu li l-benefiċjarju ma temmx il-kuntratt ma' Alro matul il-proċedimenti ta' insolvenza, u dan juri li kien irendi l-profitt.

(49) B'rabta mal-kuntratti man-negozjanti tal-elettriku, l-awtoritajiet Rumeni ma pprovdewx argumenti sostanzjali. Argumentaw li whud mill-kuntratti setgħu involvew għajnuna mill-Istat (dawk ma' Alpiq RomEnergie, Alpiq RomIndustries, EFT, Energy Holding u Euro-Pec), naqsu milli jesprimu kwalunkwe fehma fuq ċerti kuntratti (dawk ma' Electrica u Luxten-Lighting) u ddikjaraw li ma kien hemm ebda għajnuna involuta f'wieħed mill-kuntratti (dak ma' Electromagnetica). L-awtoritajiet Rumeni ma pprovdewx spjegazzjonijiet dettaljati li jsostnu l-osservazzjonijiet tagħhom.

(50) Rigward il-possibbiltà ta' terminazzjoni tal-kuntratti b'mod individwali (u b'mod partikolari dawk man-negozjanti tal-elettriku), l-awtoritajiet Rumeni spjegaw li, fil-prattika kummerċjali tar-Rumanija, kwalunkwe parti għal kuntratt setgħet ittemm il-kuntratt, u b'hekk iġġarrab ir-riskju li jkollha tħallas id-danni kif tistabbilixxi l-qorti kompetenti. Fid-dawl tal-karatteristiċi tal-kuntratti inkwistjoni, l-awtoritajiet Rumeni għamluha ċara li tali danni kienu jkunu għoljin b'mod sproporzjonat. Barra minn hekk, il-parti li titlob it-terminazzjoni tal-kuntratt setgħet taffaċċja wkoll ir-riskju addizzjonali li tkun meħtieġa mill-qorti kompetenti, permezz tal-hekk imsejħa "Ordni Presidenzjali", teżegwixxi l-kuntratt sakemm tiġi solvuta t-tilwima, kif ġara fil-każijiet ta' Electrocarbon u Elsid.

(51) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Rumeni għamluha ċara li d-differenza ewlenija bejn, minn naħa, il-kuntratti konklużi minn Hidroelectrica mal-konsumaturi industrijali u, min-naħa l-oħra, il-kuntratti konklużi minn Hidroelectrica man-negozjanti tal-elettriku kienu jikkonsistu fil-kostijiet addizzjonali li huma meħtieġa li jitħallsu skont il-kuntratti mal-konsumaturi industrijali (jiġifieri l-ħlas tal-komponent "T" tat-tariffa tat-trasport, il-miżata tas-servizzi tas-sistema, it-tariffa tad-distribuzzjoni u l-miżati għall-iżbilanċi).

5. IL-KUMMENTI MILL-PARTIJIET TERZI

(52) Il-benefiċjarji allegati, ħlief Electrica, ippreżentaw osservazzjonijiet rigward id-deċiżjonijiet tal-ftuħ tagħhom, miġburin fil-qosor fit-taqsima 5.1.

(53) Barra minn hekk, kompetitur ta' Alro, produttur tal-aluminju, ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu rigward id-deċiżjoni tal-ftuħ fil-5 ta' Ottubru 2012.

(54) Fis-6 ta' Settembru 2012, ċittadin anonimu ppreżenta osservazzjonijiet marbutin mad-deċiżjonijiet tal-ftuħ li jikkonċernaw lil Alro u lin-negozjanti tal-elettriku

5.1. Il-kummenti mill-benefiċjarji allegati

(55) L-osservazzjonijiet ewlenin tal-benefiċjarji allegati huma simili u jirreferu għal: (i) in-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tivvaluta l-kuntratti konklużi qabel l-adeżjoni tar-Rumanija fl-UE ([35]) jew l-addenda sussegwenti għall-kuntratti ([36]); (ii) il-fatt li ma hemm ebda prezz tas-suq ta' riferiment xieraq għat-tqabbil tal-prezzijiet tal-kuntratti; (iii) il-fatt li Hidroelectrica aġixxiet bħal bejjiegħ fis-suq privat bla ma tat ebda vantaġġ ekonomiku lill-benefiċjarji allegati; (iv) il-fatt li ma kien hemm ebda imputabbiltà lill-Istat u ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat; (v) il-fatt li ma kien hemm ebda tgħawwiġ tal-kompetizzjoni; (vi) in-nuqqas ta' selettività; (vii) il-fatt li l-emendi ma jistgħux jitqiesu separabbli mill-kuntratt inizjali; u (viii) il-fatt li Hidroelectrica ddikjarat lilha nfisha insolventi sabiex tevita l-obbligi kuntrattwali tagħha.

5.1.1. *In-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tivvaluta l-kuntratti u l-addenda sussegwenti tagħhom*

(56) Il-partijiet interessati jargumentaw li l-Kummissjoni ma għandhiex il-kompetenza li tanalizza l-miżuri allegati ta' għajnuna mill-Istat implimentati qabel l-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea ("UE") fl-2007. Fil-fehma tagħhom, l-istess japplika għall-addenda għall-kuntratti li ġew iffirmati wara l-2007, għaliex l-addenda ma kinux separabbli mill-kuntratti inizjali. L-addenda kienu qegħdin jimplimentaw sempliċiment ir-regoli kuntrattwali għal fornimenti futuri, oriġinarjament stabbiliti bil-kuntratti.

(57) Skont il-partijiet interessati, il-miżuri allegati ta' għajnuna mill-Istat li jirriżultaw mill-kuntratti ma kinux applikabbli wara l-adeżjoni tar-Rumanija fl-UE peress li l-kuntratti kienu konklużi qabel l-2007; barra minn hekk, l-ewwel addenda li jistabbilixxu l-parametri eżatti tas-sistema ta' indiċjar ([37]) tal-prezzijiet ġew iffirmati qabel l-2007.

(58) Barra minn hekk, fil-fehma tal-partijiet interessati, anki li kieku jintwera bil-provi li l-kuntratti kien fihom għajnuna mill-Istat, din ikollha titqies bħala għajnuna eżistenti, mhux ġdida, fid-dawl tal-fatt li l-kundizzjonijiet kollha għall-għoti tal-għajnuna mill-Istat eżistenti kienu rrispettati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 ([38]). B'mod partikolari: il-miżura allegata ta' għajnuna mill-Istat ma ssodisfatx il-kundizzjonijiet sabiex tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat meta ddaħħlet fis-seħħ; saret għajnuna mill-Istat iktar tard biss u minħabba bidliet fl-ambjent tas-suq; u, finalment, il-miżura allegata ta' għajnuna mill-Istat ma nbidlitx b'mod sostanzjali wara li ddaħħlet fis-seħħ. Konsegwentement, il-partijiet interessati ddikjaraw li l-Kummissjoni ma tistax tinvestiga l-miżura allegata ta' għajnuna mill-Istat skont l-iskema għal għajnuniet mill-Istat ġodda u ma tistax titlob lill-Istati Membri sabiex jirkupra l-għajnuna b'mod retroattiv.

(59) il-partijiet interessati argumentaw ukoll li, skont il-ġurisprudenza, iż-żmien rilevanti għall-valutazzjoni ta' kwalunkwe tranżazzjoni fir-rigward tal-bejjiegħ tas-suq/l-operatur tas-suq kien iż-żmien li fih ġiet konkluża t-tranżazzjoni. Għaldaqstant, għal tranżazzjonijiet konklużi qabel l-2007, il-kwistjoni kienet tkun jekk kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat li kieku kienu applikabbli r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fiż-żmien li ġew konklużi fih. L-istess prinċipju kien applikabbli wkoll għaż-żmien li fih kellu jiġi vvalutat il-vantaġġ ekonomiku, jiġifieri l-mument li fih ġew konklużi l-kuntratti. Il-partijiet interessati argumentaw b'mod partikolari li, fir-Rumanija ([39]), ma kien hemm ebda bidla legali jew ekonomika fis-suq tal-elettriku sabiex jiġi ġġustifikat it-teħid tal-2007 bħala l-punt ta' riferiment għall-valutazzjoni tal-vantaġġ ekonomiku: is-swieq tal-enerġija tar-Rumanija diġà kienu emerġenti qabel l-2004; is-suq tal-operaturi tar-Rumanija nfetaħ f'Settembru tas-sena 2000.

([35]) Ċerti negozjanti tal-elettriku (jiġifieri: Alpiq RomIndustries, EFT, Alro Electrocarbon u Elsid).
([36]) Negozjant tal-elettriku wieħed (EFT) u Alro.
([37]) Fil-każ ta' Alro biss.
([38]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).
([39]) Għall-kuntrarju tal-każijiet tat-tariffi tal-elettriku preferenzija tal-Ungerija — T-80/06 u T-182/09 *Budapesti Erömü* vs *Il-Kummissjoni* (ECLI:EU:T:2012:65).

5.1.2. *Ebda punt ta' riferiment xieraq għall-prezz*

5.1.2.1. L-OPCOM-PCCB ma kienx punt ta' riferiment xieraq u validu għall-prezz

(60) Il-benefiċjarji allegati li ppreżentaw kummenti rigward id-deċiżjoni tal-ftuħ iddikjaraw li ma kien hemm ebda prezz ta' referenza xieraq u validu għat-tqabbil tal-prezzijiet stipulati fil-kuntratti. Il-partijiet interessati (il-benefiċjarji allegati) argumentaw li l-prezzijiet tal-OPCOM-PCCB ma kinux punt ta'riferiment għall-prezz rilevanti għar-raġunijiet li ġejjin:

— il-prezzijiet tal-OPCOM-PCCB ma kinux jirriflettu s-sitwazzjoni korretta fil-perjodu rilevanti;

— il-kuntratti taħt l-OPCOM-PCCB ivarjaw mill-kuntrati investigati għal diversi raġunijiet (jiġifieri: obbligu fit-tul għax-xiri ta' kwantitajiet bi prezzijiet stabbiliti fil-kuntest ta' suq volatili huwa kompletament differenti mill-obbligu ta' xiri eżegwit f'suq ta' ġurnata bil-quddiem jew f'borża tal-enerġija operazzjonali bis-sħiħ, speċjalment fil-kuntest ta' suq liberalizzat. Is-suq tal-OPCOM-PCCB ċaħħad lill-forniturі privati mill-flessibbiltà li jkunu jistgħu jimmodifikaw il-kuntratti tagħhom ladarba jkun intlaħaq ftehim. Is-suq tal-OPCOM-PCCB ma kienx ġie organizzat sa dak iż-żmien bħala pjattaforma xierqa f'termini tal-ħtiġijiet elettriċi tal-klijenti industrijali kbar u l-alternattivi li kienu jeħtieġu);

— ma kinux jaqblu mal-istess perjodu ta' kunsinna;

— L-OPCOM-PCCB u l-kuntratti kienu jirrappreżentaw żewġt iswieq separati (eż.: il-perjodu tal-kuntratti tal-provvista nnegozjati fis-suq tal-OPCOM-PCCB kien ta' sena jew inqas meta mqabbel ma' perjodu ferm itwal għall-kuntratti diskussi; il-prezzijiet fil-pjattaforma tal-OPCOM-PCCB kienu ogħla minn dawk innegozjati individwalment bil-kuntratti ([40]) u kienu volatili u dipendenti fuq il-flutwazzjonijiet tad-domanda u l-provvista;

— L-OPCOM-PCCB lanqas biss kien jeżisti meta ġew konklużi ħafna mill-kuntratti, peress li sar operattiv biss fl-2005; u

— sehem żgħir biss mill-elettriku totali disponibbli fis-suq Rumen kien innegozjat fuq il-pjattaforma tal-OPCOM-PCCB.

(61) Waħda mill-partijiet interessati ([41]) argumentat li l-OPCOM-PPCB la kienet punt ta' riferiment rappreżentattiv u lanqas punt ta' riferiment xieraq għall-prezzijiet stipulati fil-kuntratti, peress li sehem żgħir biss mill-elettriku disponibbli fis-suq tal-elettriku Rumen fil-fatt kien jinbiegħ fis-suq tal-OPCOM-PCCB matul il-perjodu tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni (jiġifieri jvarja minn 2 % tal-konsum intern totali fl-2006 sa 14,62 % fl-2012).

(62) Barra minn hekk, partijiet interessati oħrajn ([42]) iddikjaraw li punt ta' riferiment xieraq għall-prezzijiet seta' jinstab u jiġi żviluppat biss bl-użu ta' mudell tal-"fundamenti", ibbażat fuq: (i) fatti u kundizzjonijiet simili, (ii) aspettattivi konkomitanti u (iii) l-istess perjodu ta' żmien bħal dak kopert minn din id-Deċiżjoni.

(63) Finalment, waħda mill-partijiet interessati ([43]) argumentat li, fis-suq tal-elettriku kumpless u speċifiku tar-Rumanija, ma kien hemm ebda prezz ta' riferiment validu li kien ikun rilevanti għall-prezzijiet stipulati fil-kuntratti.

5.1.2.2. L-offerta ta' negozjanti oħrajn tal-elettriku fil-każ tal-kuntratti ma' ArcelorMittal

(64) ArcelorMittal iddikjarat li s-suppożizzjoni li Hidroelectrica setgħet taċċetta waħda mill-offerti paralleli tan-negozjanti tal-OPCOM-PCCB għal prezz ogħla minn dak li kisbet biż-żewġ kuntratti ma' ArcelorMittal ma kinitx realistika għaliex is-suq tal-elettriku tar-Rumanija kien ikkaratterizzat minn kapaċità żejda.

([40]) Għal iktar referenza, jekk jogħġbok ara r-Rapport ta' Monitoraġġ Annwali tal-ANRE għall-2007 u għas-snin ta' wara.
([41]) Energy Holding.
([42]) Alpiq RomIndustries u Alpiq RomEnergie.
([43]) Energy Holding.

(65) ArcelorMittal argumentat ukoll li, f'suq ikkaratterizzat minn kapaċità żejda, Hidroelectrica kellha tieħu f'kunsiderazzjoni r-riskju li, li kieku biegħet l-elettriku lin-negozjanti, jaf dawn ma kinux ikunu kapaċi jqegħduha fis-suq jew kien ikollhom jerġgħu jbigħuha bit-telf. Iddikjarat ukoll li n-negozjanti għamlu dawk l-offerti ta' xiri fuq l-OPCOM bl-intenzjoni evidenti li jerġgħu jbigħu l-elettriku lil ArcelorMittal bi prezz ogħla.

(66) Barra minn hekk, ArcelorMittal argumentat li paragun bejn il-prezz speċifikat fiż-żewġ kuntratti konklużi ma' Hidroelectrica u l-prezzijiet mill-offerti tan-negozjanti kien ikun validu biss li kieku:

— ArcelorMittal kienet imġiegħla tixtri mingħand in-negozjanti — filwaqt li ArcelorMittal tiddikjara li dan ma kienx il-każ, peress li kellha l-alternattiva li tixtri mingħand produtturi Rumeni oħrajn jew mill-Ungerija jew mill-Bulgarija.

— in-negozjanti setgħu jerġgħu jbigħu l-kwantitajiet li ArcelorMittal ma xtratx mingħandhom — filwaqt li l-fatt li l-offerti ġew irtirati juri li n-negozjanti ma kinux qegħdin jiddependu fuq il-bejgħ ta' dawk il-kwantitajiet lil klijenti oħrajn apparti ArcelorMittal;

— in-negozjanti ma kellhomx il-kapaċità li jġarrbu t-telf f'każ li ma kienx sejjer jirnexxilhom jerġgħu jbigħu l-elettriku li jixtru minn Hidroelectrica. B'rabta ma' dan, ArcelorMittal tipprovdi evidenza li Arelco u Petprod ma kinux kumpaniji finanzjarjament robusti.

(67) ArcelorMittal targumenta wkoll li l-kuntratti tal-2009 u l-2010 ma kinux tqabblu mal-prezzijiet tal-OPCOM, għaliex l-OPCOM ma kinitx għadha qiegħda topera normalment dak iż-żmien. Tqis li l-prezz medju, ippubblikat mill-ANRE, għal tranżazzjonijiet bilaterali kbar huwa iktar rappreżentattiv.

5.1.3. *Hidroelectrica aġixxiet bħal bejjiegħ tas-suq privat/bla ma tat ebda vantaġġ finanzjarju lill-benefiċjarji allegati.*

(68) Ħafna mill-partijiet interessati ddikjaraw li Hidroelectrica aġixxiet bħal bejjiegħ tas-suq privat meta daħlet fil-kuntratti u li, għalhekk, ma kinux kisbu xi vantaġġ finanzjarju: (i) il-kuntratti kienu nnegozjati u konklużi bil-kundizzjonijiet tas-suq; (ii) Hidroelectrica bbenefikat minn ċertu dħul bil-konklużjoni tal-kuntratti; (iii) il-kuntratti żguraw il-bejgħ ta' kwantità kbira tal-produzzjoni tal-elettriku ta' Hidroelectrica; (iv) il-kuntratti żguraw li Hidroelectrica kienet protetta minn kwalunkwe roħs fil-prezzijiet marbut mal-bejgħ alternattiv fi swieq differenti; (v) il-prezz maqbul fil-kuntratti jqis ir-riskji u l-obbligi imposti fuq ix-xerrej, u l-kundizzjonijiet tal-kuntratti kienu nnegozjati primarjament fl-interess ta' Hidroelectrica; (vi) il-prezzijiet tal-kuntratti mħallsin għall-elettriku mixtri minn Hidroelectrica kienu b'mod kostanti bejn 80 % u 100 % ogħla mill-prezzijiet għall-elettriku mibjugħ minn Hidroelectrica fis-suq regolat; u (vii) il-kuntratti kienu l-aħjar alternattiva għal Hidroelectrica fid-data li fiha ġew iffirmati.

(69) Barra minn hekk, il-partijiet interessati ddikjaraw li l-Kummissjoni missha rat x'kienet il-pożizzjoni finanzjarja ta' Hidroelectrica fid-data li fiha ġew iffirmati l-kuntratti, u qiesu li, skont il-ġurisprudenza ([44]), il-valutazzjoni tal-Kummissjoni jaf ma qisitx affattu informazzjoni li ma kinitx għadha disponibbli, u żviluppi li ma kinux għadhom prevedibbli, meta ġew iffirmati l-kuntratti.

(70) Alro argumentat ukoll li kull emenda suċċessiva fil-kuntratt tagħha ma' Hidroelectrica dejjem kienet favur Hidroelectrica, għar-raġunijiet li ġejjin: (i) iddaħħlet klawżola ta' indiċjar tal-prezz, li tqis il-kostijiet proprji ta' Hidroelectrica; (ii) il-munita użata nbidlet minn USD għal RON f'Ġunju 2007 fi żmien meta l-leu kien qiegħed jissaħħaħ kontra l-USD, u dan ippermetta sabiex Hidroelectrica tiggwadanja 40 % fuq il-prezz u telimina r-riskji tal-valuta tagħha; (iii) il-formula LME ddaħħlet fl-2010, u wasslet għal żieda qawwija fil-prezzijiet.

(71) Barra minn hekk, Alro ppreżentat studji ekonomiċi komprensivi u estensivi mwettqin minn Brattle Group u Nera sabiex issostni l-argument tagħha li l-kuntratt ma' Hidroelectrica ma involviex għajnuna mill-Istat. Skont l-istudju tal-2005 ta' Brattle Group, il-valur preżenti nett stmat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"VPN") tal-kuntratt ta' Alro (EUR 393,09 miljun) kien ogħla minn dak li rriżulta mix-xenarju tal-bejgħ kontrafattwali (EUR 355 miljun)

([44]) Kawża C-482/99 *Ir-Repubblika Franċiża vs Il-Kummisjoni* (*Stardust Marine*) [2002] Ġabra I-4397.

fuq il-bażi tas-suppożizzjoni ta' suq perfettament kompetittiv. Brattle Group ipprovda wkoll stimi simili għall-2007, b'riżultati simili bħal dawk għall-2005: il-VPN ta' EUR 348 miljun għall-kuntratt tal-2007 ta' Alro kien ukoll ogħla mill-VPN ta' EUR 300 miljun tal-kontrafattwali tagħha.

(72) Alro ppreżentat ukoll l-istudji u r-rapporti ta' Brattle Group u Nera sabiex issosti l-argument tagħha li ma ngħatat ebda għajnuna illegali permezz tal-kuntratt tagħha ma' Hidroelectrica.

(73) Energy Holding, negozjant tal-elettriku, ippreżentat analiżi ekonomika, simulazzjonijiet tal-mudelli tal-prezzijiet u r-rapporti tal-prezzijiet prodotti minn KPMG, kumpanija ta' konsulenza indipendenti, sabiex issostni l-argument tagħha li ma kien hemm ebda għajnuna illegali. KPMG ikkonfermat li l-kuntratt ma' Energy Holding kien: (i) l-aħjar alternattiva ta' Hidroelectrica dak iż-żmien u (ii) li kiseb għal Hidroelectrica redditu ogħla jew ippreżentalha riskju inqas meta mqabbel mal-aħjar alternattiva li jmiss. L-analiżi ta' KPMG kienet ibbażata fuq analiżi ta' valwazzjoni assoluta u relattiva u mhux fuq xi metodu ieħor ta' valwazzjoni tal-kuntratt (eż.: analiżi tal-profittabilità marġinali, analiżi IRR maqtugħa). Irreferiet għal żewġ perjodi ta' valwazzjoni (jiġifieri: 2004-2013 u 2010-2018) u rriflettiet il-patti tal-kuntratt konklużi ma' Hidroelectrica fl-2004 u l-patti rinegozjati fl-2009 meta ġġedded il-kuntratt. L-istess analiżi ġiet estiża iktar tard minn KPMG għall-1 ta' Jannar 2007. Il-konklużjoni kienet l-istess bħal dik deskritta hawn fuq kemm għall-valwazzjoni assoluta kif ukoll għal dik relattiva.

5.1.4. *Ebda imputabbiltà lill-Istat u ebda trasferiment tar-riżorsi tal-Istat*

(74) Kważi l-partijiet interessati kollha ([45]) ddikjaraw li l-kuntratti tagħhom ma' Hidroelectrica ma kinux imputabbli lill-Istat, għaliex skont l-istatuti ta' Hidroelectrica, il-bord tad-diretturi ddelega s-setgħat eżekuttivi tiegħu lill-uffiċjal kap eżekuttiv. Għaldaqstant, iddikjarat li l-membri tal-bord ma ħadux sehem fil-ħidma ta' kuljum ta' Hidroelectrica, inkluż in-negozjar tal-kuntratti.

(75) Skont parti interessata minnhom ([46]), l-oneru tal-provi li jikkonċerna l-imputabbiltà kien jaqa' fuq il-Kummissjoni. Il-parti interessata ddikjarat li l-konklużjoni li miżura kienet imputabbli lill-Istat sempliċiment għaliex l-Istat kellu parteċipazzjoni azzjonarja ta' maġġoranza f'Hidroelectrica ma kinitx biżżejjed. Argumentat ukoll li l-Kummissjoni kienet waslet għal dik il-konklużjoni biss fuq il-bażi ta' "indikazzjonijiet" u presuppożizzjonijiet u mhux fuq fatti konkreti, xi ħaġa li kienet tmur kontra dak li teħtieġ il-ġurisprudenza. Il-parti interessata argumentat li kien hemm bżonn ta' evidenza konkreta bħal dokumenti, elementi fattwali u azzjonijiet konkreti f'isem l-Istat li ssostni dik il-konklużjoni.

(76) Partijiet interessati oħrajn ([47]) argumentaw li ma kien hemm ebda trasferiment tar-riżorsi tal-Istat. B'mod partikolari, argumentaw li l-prezzijiet allegatament inqas offruti minn impriża taħt il-kontroll tal-Istat ma kinux fattur suffiċjenti sabiex jinvokaw l-eżistenza ta' riżorsi tal-Istat. Iddikjaraw ukoll li kien hemm bżonn li l-intervent tal-Istat tar-Rumanija rigward l-użu ta' dawn ir-riżorsi jiġi stabbilit *in concreto*. Barra minn hekk, il-partijiet interessati saħqu li, skont l-istatuti ta' Hidroelectrica, il-konklużjoni tal-kuntratti kienet taqa' taħt il-kompetenzi esklussivi tad-Direttur Ġenerali u mhux tal-Bord tad-Diretturi u, għalhekk, l-Istat ma kienx involut fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-kuntratti ta' Hidroelectrica.

5.1.5. *Ebda tgħawwiġ tal-kompetizzjoni*

(77) Uħud mill-partijiet interessati ([48]) argumentaw li ma kien hemm ebda tgħawwiġ potenzjali jew attwali tal-kompetizzjoni li jirriżulta mill-kuntratti ma' Hidroelectrica għar-raġunijiet li ġejjin: (i) ma ġie identifikat ebda suq rilevanti li fih l-għajnuna mill-Istat mogħtija saħħet il-pożizzjoni ta' impriża b'rabta ma' impriżi oħrajn fi ħdan il-kummerċ fl-UE u (ii) is-suq tal-elettriku Rumen mhuwiex ikkonċentrat kif muri mill-indiċi tal-konċentrazzjoni ta' Herfindahl-Hirschman (HHI).

([45]) AlpiqRomEnergie, AlpiqRomIndustrie, Electromagnetica, Energy Holding, Electrocarbon u Elsid, ArcelorMittal u Alro.
([46]) Energy Holding, negozjant tal-elettriku.
([47]) EFT, Electromagnetica, Luxten-Lighting u Energy Holding.
([48]) EFT, Electromagnetica, Luxten-Lighting u Alro.

5.1.6. *Ebda selettività*

(78) Uħud mill-partijiet interessati ([49]) argumentaw li ma kien hemm ebda selettività li tirriżulta mill-kuntratti ma' Hidroelectrica għaliex ġew konklużi kuntratti tal-istess tip jew tip simili ma' negozjanti oħrajn (għan-negozjanti tal-elettriku) jew inkella dawn kienu disponibbli għal partijiet oħrajn fis-suq (għal dawk li mhumiex negozjanti).

5.1.7. *Ebda severabilità tal-emendi mill-kuntratti inizjali*

(79) Electrocarbon u Elsid iddikjaraw li l-emendi għall-kuntratti ma kinux separati mill-kuntratti. Issuġġerew ukoll li, anki f'sitwazzjoni li fiha t-tali emendi kienu jitqiesu bħala impenji separati, il-bidliet fil-prezzijiet xorta waħda kienu għadhom jikkonofrmaw mal-prinċipju ta' bejjiegħ f'ekonomija tas-suq u li, għaldaqstant, ma kinux jinvolvu għajnuna mill-Istat.

5.1.8. *L-unika raġuni għaliex Hidroelectrica ddikjarat lilha nfisha insolventi kienet sabiex taħrab l-obbligi kuntrattwali tagħha*

(80) Uħud min-negozjanti tal-elettriku ([50]) argumentaw li l-unika raġuni għaliex Hidroelectrica ddikjarat lilha nfisha bħala insolventi kienet sabiex ittemm l-obbligi kuntrattwali tagħha. Argumentaw li, filwaqt li Hidroelectrica ħadet vantaġġ sħiħ mill-kuntratti fl-imgħoddi, ma kinitx għadha lesta li tonora l-obbligi li impenjat ruħha għalihom u, għalhekk, id-dikjarazzjoni ta' insolvenza kienet tidher li hija mod kif tiskarta l-kuntratti.

5.2. **Kummenti minn partijiet interessati oħrajn**

(81) B'rabta mad-deċiżjoni tal-ftuħ li tikkonċerna lil Alro, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand partijiet oħrajn apparti l-benefiċjarji allegati: (i) kummenti mingħand wieħed mill-kompetituri ta' Alro, u (ii) kummenti mingħand parti anonima (ċittadin).

5.2.1. *Il-kummenti ppreżentati minn wieħed mill-kompetituri ta' Alro*

(82) Wieħed mill-kompetituri ta' Alro argumenta li kemm il-prezzijiet tas-suq tal-kambju tal-enerġija kif ukoll il-prezzijiet tas-suq spot kienu irrelevanti bħala prezz ta' riferiment għall-kuntratti tal-provvista tal-elettriku għall-funduri tal-aluminju. Skont il-kompetitur ta' Alro, il-funduri tal-aluminju jeħtieġu primarjament kuntratti tal-provvista tal-elettriku fit-tul u relattivament prevedibbli sabiex ma jkollhomx jissospendu l-operazzjonijiet minħabba kostijiet tal-elettriku għoljin wisq u sabiex jevitaw kwalunkwe riskju li jkollhom jagħlqu minħabba l-prezzijiet tal-elettriku u l-profitti tal-ġeneratur.

(83) Il-kompetitur ta' Alro argumenta wkoll li bit-tqabbil tat-tariffi tal-kuntratti tal-provvista tal-elettriku fit-tul mal-prezzijiet tal-elettriku fis-swieq tal-kambju tal-enerġija u/jew spot u/jew mat-tariffi ta' industriji oħrajn, ir-realtà tas-suq setgħet tkun imxekkla u jiġi stabbilit preċedent ħażin, li jinvolvi riskju sinifikanti mhux biss għal Alro u/jew il-kompetituri tagħha iżda anki għas-suq Ewropew sħiħ.

(84) Barra minn hekk, il-kompetitur ta' Alro argumenta li l-impatt fuq il-kompetizzjoni missu ġie vvalutat b'referenza għall-prezzijiet imħallsin mill-funduri tal-aluminju għall-elettriku tagħhom f'livell globali, jew tal-inqas Ewropew. Peress li l-kostijiet tal-elettriku kienu jirrappreżentaw iktar minn terz tal-kostijiet totali tal-produzzjoni tal-aluminju u peress li l-produtturi tal-aluminju kienu jixtru l-elettriku fis-suq nazzjonali u wara kienu f'kompetizzjoni mad-dinja kollha, valutazzjoni rilevanti kienet teħtieġ valutazzjoni bbażata fuq prezzijiet tal-elettriku mħallsin mill-produtturi tal-aluminju madwar id-dinja. Konsegwentement, il-kompetitur ta' Alro ddikjara li, għal valutazzjoni xierqa ta' tgħawwiġ potenzjali tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni missha vverifikat jekk l-għajnuna mill-Istat allegata fil-fatt naqqsitx il-kostijiet tal-produzzjoni ta' Alro għal inqas minn dawk tal-kompetituri tagħha u, għalhekk, tatx lil Alro vantaġġ, fid-dawl tat-tariffi tal-kompetitur Ewropej u/jew globali tagħha.

([49]) EFT, Luxten-Lighting, Electrocarbon u Elsid.
([50]) Alpiq RomEnergy u Alpiq RomIndustries.

(85) Barra minn hekk, il-kompetitur ta' Alro argumenta li, fin-nuqqas ta' informazzjoni rilevanti għad-definizzjoni ta' "prezz tas-suq" komparabbli, "il-parametraġġ referenzjarju tal-prezzijiet għall-kostijiet u marġni ta' profitt raġonevoli seta' jkun aċċettabbli bħala metodoloġija leġittima għall-ipprezzar". Setgħet tiġi applikata l-istess loġika "għal deċiżjoni li jiġu offruti prezzijiet indiċjati fuq il-bażi ta' prezzijiet LME". Iddikjarat ukoll li l-karatteristiċi uniċi tal-fundaturi tal-aluminju u l-profil tal-klijenti jistgħu jiġġustifikaw b'mod oġġettiv prezz tal-elettriku oħos mill-prezzijiet tal-kambju tal-enerġija, ipprezzar ibbażat fuq il-kostijiet u pprezzar indiċjat tal-LME.

5.2.2. *Il-kummenti ppreżentati minn ċittadin*

(86) Iċ-ċittadin argumenta li Alro xtrat l-elettriku mingħand Hidroelectrica bi prezz preferenzjali, jiġifieri bi prezz oħos mill-prezz tas-suq (bħal prezzijiet tal-OPCOM u l-ANRE). Barra minn hekk, iċ-ċittadin invoka l-argument li l-aġġustament tal-prezz tal-kuntratt għal Alro permezz ta' mekkaniżmu ta' indiċjar fuq il-bażi tal-formula tal-LME kien mekkaniżmu ta' pprezzar diskriminatorju b'rabta ma' xerrejja oħrajn tal-elettriku fis-suq.

(87) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand l-istess ċittadin rigward il-kuntratti man-negozjanti tal-elettriku, b'tali mod li l-kuntratti kienu jinvolvu għajnuna mill-Istat. Ma ġiet ipprovduta ebda evidenza li tiġġustifika dan l-argument.

6. IL-KUMMENTI TAL-AWTORITAJIET RUMENI DWAR L-OSSERVAZZJONIJIET MINN PARTIJIET TERZI

(88) L-awtoritajiet Rumeni wieġbu għall-osservazzjonijiet li għamlu l-partijiet interessati. B'mod partikolari, l-awtoritajiet Rumeni baqgħu bl-istess fehma espressa f'Lulju 2012 fir-rigward tal-kuntratti konklużi minn Hidroelectrica man-negozjanti tal-elettriku u spjegaw li dawk il-kuntratti tipikament ma kinux kuntratti robusti u fit-tul għal tal-inqas żewġ raġunijiet: (i) ix-xerrej seta' jittermina b'mod unilaterali kwalunkwe wieħed mill-kuntratti b'avviż 30 jum minn qabel bla ma jkollu jħallas kumpens adegwat, filwaqt li Hidroelectrica ma setgħetx tagħmel dan, u (ii) ir-riżultati tal-produzzjoni fis-siegħa lix-xerrej tista' tkun, u kienet, varjabbli skont id-diskrezzjoni tax-xerrejja.

(89) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Rumeni ddikjaraw li wara li kienu ġew konklużi l-kuntratti, jew wara li saru l-emendi għalihom, ix-xerrejja kellhom id-dritt (li fil-fatt eżerċitaw) li jżidu jew inaqqsu l-kwantità ta' elettriku meħtieġ permezz ta' avviżi maħruġin anki sa jum wieħed biss qabel il-kunsinna, xi ħaġa li hija karatteristika ta' tranżazzjonijiet spot.

(90) B'rabta mal-kuntratti ma' Electrocarbon u Elsid, l-awtoritajiet Rumeni astjenew milli jesprimu xi fehma. Rigward ir-raġunijiet għal dan, l-awtoritajiet Rumeni żiedu li ma kinux jafu jekk Electrocarbon u Elsid kinux involuti wkoll fin-negozjar tal-elettriku għall-operaturi.

(91) L-awtoritajiet Rumeni pprovdew kummenti sostanzjati sew u dettaljati dwar l-osservazzjonijiet li għamlu Alro u ArcelorMittal b'appoġġ tal-konklużjoni tagħhom li l-kuntratti tagħhom ma kinux jinvolvu għajnuna mill-Istat. B'mod partikolari, l-awtoritajiet Rumeni spjegaw li l-Istat ma kienx ta struzzjonijiet lir-rappreżentanti tiegħu fuq il-bord tad-diretturi ta' Hidroelectrica u li d-dritt tal-kumpaniji tar-Rumanija jobbliga lill-membri tal-bord sabiex jaġixxu fl-interessi tal-kumpanija u mhux fl-interessi tal-azzjonisti li jaħtruhom.

(92) L-awtoritajiet Rumeni ddikjaraw li Alro kinet moqdija mill-produzzjoni proprja ta' Hidroelectrica u li, għalhekk, il-profittabilità kellha titkejjel biss b'referenza għall-kostijiet tal-produzzjoni ta' Hidroelectrica stess. L-awtoritajiet Rumeni għamluha ċara wkoll li ArcelorMittal hija t-tieni l-ikbar konsumatur tal-elettriku fir-Rumanija, wara Alro, u spjegaw li daqstant ieħor kien veru għall-elettriku bħal kwalunkwe prodott ieħor: iktar ma jkun kbir il-volum mixtri, iktar sejjer jorħos il-prezz tal-kuntratt.

(93) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Rumeni kkonfermaw l-osservazzjonijiet ta' ArcelorMittal, jiġifieri li, kif irrapportat l-ANRE, il-prezz medju mħallas mill-konsumaturi industrijali b'domanda li tlaħħaq mal-150 000 MWh/sena kienet biss 11-il RON/MWh oġħla mill-prezz imħallas minn ArcelorMittal fl-2010. L-awtoritajiet użaw l-argumenti li ġejjin sabiex jispjegaw din id-differenza: (i) il-kunsinna f'dan il-profil lineari tipprovdi lill-fornitur tal-elettriku bl-opportunità li jottimizza l-kostijiet tal-produzzjoni tiegħu; (ii) il-kostijiet tal-manutenzjoni jitnaqqsu b'mod sinifikanti; (iii) kemm in-numru kif ukoll id-durata tal-waqfiet aċċidentali huma mnaqqsin; u (iv) l-iżbilanċi fis-suq tal-elettriku huma mnaqqsin b'mod sinifikanti, fattur rifless ukoll fi tnaqqis fil-kostijiet tax-xiri tal-elettriku.

(94) B'rabta mal-osservazzjonijiet li għamel il-kompetitur ta' Alro, l-awtoritajiet Rumeni japprovaw bis-sħiħ il-pożizzjoni ta' dan tal-aħħar u sostnew il-fehma tiegħu li skont din produttur tal-aluminju Ewropew kin f'kompetizzjoni ma' kwalunkwe produttur globali ieħor tal-aluminju. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Rumeni argumentaw li l-kuntratt ma' Alro ma kienx jgħawweġ il-kompetizzjoni fis-suq globali tal-aluminju.

(95) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Rumeni argumentaw li, minn perspettiva finanzjarja, kwalunkwe produttur tal-elettriku razzjonali kien joffri lill-produttur tal-aluminju tariffa aħjar minn dawk tal-OPCOM-PCCB jew tas-suq spot, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-produtturi tal-aluminju. Spjegaw ukoll li l-prezz fis-suq spot ma kienx ikun punt ta' riferiment korrett għal kuntratt fit-tul konkluż ma' konsumatur industrijali. Il-prezzijiet tal-kuntratti bilaterali b'kundizzjonijiet tal-ħlas vantaġġjużi u li jkopru volumi kbar ta' elettriku f'konsum tal-faxxa prevedibbli kellhom ikunu ferm inqas mill-prezzijiet tal-elettriku fis-suq spot.

(96) Fir-rigward tal-osservazzjonijiet li għamel iċ-ċittadin, l-awtoritajiet Rumeni ddikjaraw li dawn kienu infondati. Fir-rigward tal-allegazzjoni magħmula miċ-ċittadin li l-prezzijiet mogħtijin lil Alro kienu inqas mill-prezzijiet għal tranżazzjonijiet ekwivalenti fir-Rumanija, l-awtoritajiet Rumeni spjegaw li ċ-ċittadin kienu injoraw għalkollox il-flutwazzjoni tal-prezz fuq il-bażi tal-elementi speċifiċi ta' kull tranżazzjoni (jiġifieri volumi kbar tal-elettriku b'konsum tal-faxxa, il-livell għoli ta' prevedibbiltà, u kundizzjonijiet finanzjarji vantaġġuži għall-bejjiegħ).

(97) Fir-rigward tat-tieni argument li invoka ċ-ċittadin, jiġifieri li l-opportunità mogħtija lil Alro sabiex taġġusta l-prezzijiet fuq il-bażi tal-formula LME kienet tiddiskrimina kontra parteċipanti oħrajn fis-suq tal-elettriku, l-awtoritajiet Rumeni argumentaw kif ġej: (i) din il-prattika kienet awtorizzata mil-leġiżlazzjoni Rumena diment li Hidroelectrica kienet tagħmel profitt mill-kuntratt ikkonċernat, u (ii) l-arranġament kien forma ta' sħubija bejn il-bejjiegħ u x-xerrej, li kienu qegħdin jaqsmu l-profitt mill-bejgħ tal-aluminju.

7. **VALUTAZZJONI**

7.1. **Eżistenza ta' għajnuna mill-Istat**

(98) Bis-saħħa tal-Artikolu 107(1) TFUE, kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma li tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni, billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti, sakemm taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, għandha tkun inkompatibbli mas-suq intern. Sabiex tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tal-Ftehim ŻEE, il-miżura inkwistjoni trid tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet kollha.

(99) Għaldaqstant, hemm bżonn li jiġi vvalutat jekk il-kuntratti investigati tawx għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE lix-xerrejja tal-elettriku mibjugħ minn Hidroelectrica, jiġifieri Alpiq RomEnergie, Alpiq RomIndustries, EFT, Electrica, Electromagnetica, Energy Holding, EURO-PEC, Luxten-Lighting, Alro, ArcelorMittal, Electrocarbon u Elsid wara l-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea.

(100) Dan ikun il-każ, fost kundizzjonijiet oħrajn ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, biss jekk il-kuntratti inkwistjoni kienu jiffavorixxu lil ċerti xerrejja billi jagħtuhom vantaġġ ekonomiku fuq il-kundizzjonijiet normali tas-suq u, jekk dan huwa minnu, biss jekk il-vantaġġ li jirriżulta mill-kuntratti u l-emendi sussegwenti tagħhom jista' jiġi attribwit mhux biss għar-riżorsi tal-Istat Rumen, iżda anki għal azzjonijiet, struzzjonijiet jew influwenza deċiżiva tal-Istat, għall-kuntrarju ta' deċiżjonijiet kummerċjali indipendenti ta' Hidroelectrica.

(101) Skont id-deċiżjoni fil-każ ta' Budapesti Erömü ([51]), il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat implimentati qabel l-adeżjoni u li baqgħu applikabbli wara l-adeżjoni għandhom jiġu kkunsidrati jew bħala għajnuna eżistenti jew inkella bħala għajnuna ġdida wara l-adeżjoni. Sabiex jitqiesu bħala għajnuna eżistenti, dawn il-miżuri għandhom ikunu elenkati b'mod espliċitu fl-Att tal-Adeżjoni ta' Stat Membru mal-Unjoni Ewropea; f'dan il-każ mill-Anness V għat-Trattat tal-Adeżjoni tar-Rumanija u l-Bulgarija mal-Unjoni Ewropea ("L-Att tal-Adeżjoni") ([52]). Il-kuntratti ma kinux elenkati b'mod espliċitu fl-Anness V għall-Att tal-Adeżjoni. Peress li l-kuntratti kienu għadhom applikabbli wara d-data tal-adeżjoni, setgħu jitqiesu bħala ġodda biss u, għalhekk, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata, iridu jiġu vvalutati mid-data tal-adeżjoni (l-1 ta' Jannar 2007) fid-dawl tal-erba' kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

([51]) Il-Kawżi Magħquda T-80/06 u T-182/09 *Budapesti Erömü* vs *Il-Kummissjoni Ewropea*, paragrafi 50 sa 62.
([52]) ĠU L 157, 21.6.2005, p. 96.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni kien ikollha tevalwa l-kuntratti bħala miżuri ta' għajnuna ġodda possibbli mill-adeżjoni tar-Rumanija fl-1 ta' Jannar 2007. Dik l-evalwazzjoni ma tistax tkun ibbażata fuq iċ-ċirkustanzi miksuba fis-suq meta ddaħħlu fis-seħħ il-kuntratti (ara l-premessa 19), b'mod partikolari għall-fini ta' teħid ta' deċiżjoni dwar jekk il-kuntratti inkwistjoni kinux konformi mal-prezzijiet tas-suq meta ġew konklużi. Għaldaqstant, dawn iċ-ċirkustnazi mhumiex sejrin jiġu vvalutati iktar minn hawn 'il quddiem.

7.2. **Valutazzjoni tal-vantaġġ ekonomiku possibbli fuq il-kundizzjonijiet tas-suq**

(102) Sabiex tistabbilixxi jekk il-prezzijiet u l-kundizzjonijiet li bihom Hidroelectrica forniet l-elettriku lill-benefiċjarji allegati kinux ikunu disponibbli b'mod ieħor fis-suq Rumen mill-2007, il-Kummissjoni l-ewwel trid issib prezz ta' riferiment xieraq li jirrifletti prezz tas-suq (i) disponibbli f'perjodu ta' żmien li fih kienu fis-seħħ il-kuntratti wara l-adeżjoni tar-Rumanija mal-UE u (ii) għall-perjodu ta' żmien li għalih il-Kummissjoni nediet il-proċedura formali b'rabta mal-kuntratti.

7.2.1. *Vantaġġ ekonomiku fuq il-kundizzjonijiet tas-suq*

(103) Meta tivvaluta jekk kienx hemm vantaġġ ekonomiku, il-Kummissjoni tieħu bħala l-punt ta' referenza tagħha operatur tas-suq soġġett għall-istess obbligi jew obbligi simili bħal Hidroelectrica, li jkollu l-istess opportunitajiet u jkun affaċċjat bl-istess kundizzjonijiet legali u ekonomiċi bħal dawk li kienu fis-seħħ fir-Rumanija fil-perjodu eżaminat, fid-dawl tar-restrizzjonijiet tal-operatur u l-objettivi kummerċjali tiegħu ([53]). Sabiex tiġi eskluża l-preżenza ta' għajnuna mill-Istat, kumpanija bi sjieda pubblika trid, meta tbigħ il-prodotti tagħha, iġġib ruħha bħal operatur privat f'ekonomija tas-suq, billi tfittex li tikseb l-ikbar rikavat jew timminimizza t-telf. Fi kliem ieħor, il-valutazzjoni tal-preżenza ta' vantaġġ ekonomiku indebitu possibbli f'kuntratt tal-provvista kummerċjali minn fornitur proprjetà tal-Istat tinvolvi l-valutazzjoni ta' kemm fornitur li mhux proprjetà tal-Istat f'sitwazzjoni simili kienx iġib ruħu bl-istess mod.

(104) Bl-istess mod, mal-ewwel daqqa t'għajn, filwaqt li d-differenzi fil-prezzijiet bejn it-tariffi tal-elettriku stabbiliti mill-Istat u l-prezzijiet tas-suq liberu ogħla jistgħu jindikaw il-preżenza ta' għajnuna mill-Istat, għal raġunijiet oġġettivi, jista' jkun possibbli li jinstab li livelli inqas ta' prezzijiet fil-kuntratti investigati ma jagħtux lix-xerrejja tal-elettriku vantaġġ ekonomiku fuq il-kundizzjonijiet tas-suq ([54]). Finalment, meta teżamina l-possibbiltà ta' għajnuna mill-Istat iddefinita bħala prezzijiet tal-elettriku ogħla mill-kundizzjonijiet tas-suq fis-swieq tal-elettriku f'kuntesti tas-suq kumplessi, il-Kummissjoni tista' tibbaża skont il-liġi fuq metodi jew mudelli ekonomiċi speċifiċi sabiex tistabbilixxi kemm il-prezzijiet tal-kuntratti jvarjaw mill-prezzijiet tas-suq ([55]).

(105) Fil-fatt, il-prezz għall-kuntratti kien jew aġġustat b'mod annwali fuq il-prezz stabbilit fil-kuntratt jew inkella ġie stabbilit b'mod annwali għal numru ta' kuntratti, ħlief fil-każ ta' Alro, li għaliha l-prezz annwali attwali rriżulta mill-applikazzjoni tal-formuli tal-indiċjar kuntrattwali. Għaldaqstant, jekk kienx hemm vantaġġ ekonomiku huwa vvalutat għal kull waħda mis-snin koperti mill-investigazzjoni sal-1 ta' Jannar 2007.

— Kuntratti ma' negozjanti tal-elettriku, produtturi tal-elettrodi u Alro

(106) Kif deskritt fil-premessi 24 — 35, il-Kummissjoni eżaminat diversi segmenti tas-suq tal-elettriku fir-Rumanija bejn l-2007 u l-2010. Sabiex it-tqabbil ikun ġust, xieraq li jiġu eżaminati l-eqreb komparaturi li jkunu l-iktar adegwati għall-prezzijiet ipprovduti fil-kuntratti fil-perjodu eżaminat.

(107) Fi swieq tal-elettriku li jiffunzjonaw sew b'likwidità adegwata u strumenti li jippermettu li jitbassru l-prezzijiet tal-kunsinni futuri, il-prezzijiet spot huma indikazzjoni jew approssimazzjoni tajba tal-prezzijiet tas-suq u jistgħu jintużaw bħala punti ta' riferiment għall-valutazzjoni tal-livelli tal-prezzijiet f'kuntratti speċifiċi. Madankollu, f'dan il-każ, minħabba s-sehem relattivament għoli ta' domanda li, fir-Rumanija fl-2007, kienet għadha qiegħda tiġi ssodisfata fuq il-bażi ta' tariffi regolati, il-likwidità limitata tal-pjattaformi tan-negozjar tal-OPCOM fil-perjodu 2007-2010, il-volumi ta' elettriku soġġetti għall-kuntratti investigati, l-istabbiliment ta' kambji tal-enerġija ġestiti mill-OPCOM bħala suq antitrust rilevanti li fih kien hemm prattika ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti (premessi 30-31 u 34), u fid-dawl tal-kummenti li għamlu l-partijiet terzi (premessi 60-63), ma jistax jiġi stabbilit fuq bażi *prima facie* li l-prezzijiet spot u l-prezzijiet fuq il-pjattaforma tal-OPCOM-PCCB jistgħu jitqiesu li jikkostitwixxu punti ta' riferiment xierqa għall-valutazzjoni tal-preżenza possibbli ta' vantaġġ ekonomiku fuq il-prezzijiet tas-suq.

([53]) Ara l-ġurisprudenza fin-nota 39 f'qiegħ il-paġna, paragrafi 69 sa 89.
([54]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/456/UE tal-4 ta' Frar 2014 dwar l-għajnuna mill-istat Nru S.A.21817 (C 3/07) (ex NN 66/06) implimentata minn Spanja — It-Tariffi tal-Elettriku ta' Spanja: il-konsumaturi (ĠU L 205, 12.7.2014, p. 25), premessi 113 sa 120.
([55]) Il-Kawżi Magħquda T-80/06 u T-182/09 *Budapesti Erömü* vs *Il-Kummissjoni Ewropea*, paragrafi 104-114.

(108) Għaldaqstant, il-Kummissjoni warrbet il-metodu tagħha bbażat fuq il-prezzijiet medji tal-OPCOM bħala punti ta' riferiment għat-tqabbil tal-prezzijiet tal-kuntratt ta' Hidroelectrica, li fuqu kienet ibbażat id-dubji fid-deċiżjonijiet tal-ftuħ rilevanti dwar il-preżenza ta' vantaġġ ekonomiku fl-għaxar kuntratti man-negozjanti tal-elettriku u fiż-żewġ kuntratti mal-produtturi tal-elettrodi. L-investigazzjoni wriet li n-negozjar fuq pjattaformi bħall-OPCOM, għal durati iqsar u b'patti standard u jekk hux fuq bażi ta' "ġurnata bil-quddiem" jew "sena jew inqas" jew bil-għan li jiġu pprovduti servizzi anċillari jew ta' bbilanċjar lill-operatur tan-netwerk tal-elettriku, ma jistax jitqies bħala alternattiva raġonevoli għall-kuntratti personalizzati ta' Hidroelectrica taħt skrutinju fiċ-ċirkustanzi speċifiċi tas-suq Rumen fil-perjodu kkunsidrat. Il-kuntratti kkonċernati ġew innegozjati direttament sabiex jakkomodaw il-ħtiġijiet tal-provvista speċifiċi tax-xerrej u l-bejjiegħ, bi flessibbiltà li mhijiex disponibbli f'segmenti oħrajn tas-suq. Għaldaqstant, sabiex jiġi żgurat li hemm vantaġġ ekonomiku fuq il-kundizzjonijiet tas-suq, hemm bżonn li jiġu eżaminati wkoll il-kundizzjonijiet miksubin f'segmenti oħrajn tas-suq disponibbli fir-Rumanija fl-2007 u wara, anki jekk dawn ma ġewx identifikati fid-deċiżjonijiet tal-ftuħ.

(109) Fir-rigward tas-suq regolat, li fuqu Hidroelectrica forniet effettivament madwar għoxrin fil-mija tal-produzzjoni tagħha meta seħħew il-fatti (premessa 31), tqabbil mal-prezzijiet regolati mibdulin ta' kull sena minn Hidroelectrica fuq il-bażi tal-kostijiet eliġibbli u rata ta' redditu stabbilita mir-regolatur tal-elettriku ANRE juri li l-prezzijiet tal-kuntratti kollha taħt skrutinju kienu ogħla b'mod kostanti u sinifikanti mill-prezzijiet regolati bejn l-2007 u l-2010 (premessa 26 u l-Anness 1). Għaldaqstant, kien ekonomikament razzjonli għal Hidroelectrica li tkompli tforni lill-benefiċjarji allegati kollha fil-proċedimenti attwali mill-2007, peress li l-kuntratti kkonċernati kienu jrendu qligħ ikbar minn dawk forniti fis-swieq regolati. Xorta waħda, u bi tqabbil mal-alternattiv teoriku ta' żieda tal-kwantitajiet forniti fis-suq regolat, Hidroelectrica ma setgħetx taqbad u teqleb il-provvista tal-elettriku tagħha mill-kuntrati taħt skrutinju għas-suq regolat, peress li l-kwantitajiet forniti fis-suq regolat kienu stabbiliti *ex ante* mill-ANRE.

(110) L-istess huwa minnu, *mutatis mutandis*, għall-kundizzjonijiet tan-negozjar fis-swieq tal-ibbilanċjar u ta' ġurnata bil-quddiem. Minħabba l-karatteristiċi tal-produzzjoni ta' Hidroelectrica, parzjalment fuq il-bażi tal-elettriku li jista' jiġi konsenjat u l-kostijiet marġinali baxxi, jista' jkun argumentat li Hidroelectrica setgħet tikseb rikavati li kultant ikunu ikbar li kieku qelbet il-forniment tal-elettriku tagħha mill-kuntratti kkunsidrati għas-swieq ta' ġurnata bil-quddiem u ta' bbilanċjar, speċjalment li kieku ffokat fuq il-forniment tal-elettriku fl-eqqel ħinijiet, meta l-prezzijiet jiżdiedu b'mod konsiderevoli. Madankollu, għal diversi raġunijiet, il-kundizzjonijiet tas-suq u l-prezzijiet prevalenti f'dawk is-segmenti tas-suq ma jistgħux jitqiesu li jirrappreżentaw il-kundizzjonijiet tas-suq li magħhom jistgħu jitqabblu l-kuntratti eżaminati sabiex jiġi żgurat jekk kinux jagħtu vantaġġ ekonomiku lix-xerrejja.

(111) L-ewwel nett, jidher li Hidroelectrica forniet elettriku f'dawn is-segmenti tas-suq ukoll bejn l-2007 u l-2010, għad li sa ċertu punt limitat — sa inqas minn 10 % tal-bejgħ tagħha (premessa 31). Il-kwistjoni rilevanti hija jekk it-tali swieq setgħux jikkostitwixxu alternattiva valida għal operatur razzjonali li jaġixxi minflok Hidroelectrica u l-istabbiliment tad-destinazzjoni ta' 63 % tal-bejgħ tagħha — bejgħ li għamlet Hidroelectrica fuq il-bażi ta' kuntratti bilaterali bejn l-2007 u l-2010.

(112) In-negozjar f'dawk is-segmenti tas-suq kien jinvolvi karatteristiċi distinti li jagħmluha impossibbli li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet tas-suq validi għas-suq Rumen sħiħ jew għall-kuntratti fit-tul ta' Hidroelectrica. Tabilħaqq, is-servizzi ta' bbilanċjar jew anċillari huma forniti minn produtturi tal-elettriku lill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni fuq il-bażi ta' domanda imprevedibbli u xejriet tad-domanda min-naħa ta' xerrej wieħed. Il-provvista ta' ġurnata bil-quddiem timplika wkoll prezzijiet u kwantitajiet imprevedibbli minn jum għall-ieħor. Fi kliem ieħor, il-kuntratti fit-tul eżaminati, anki jekk jitwarrbu d-dispożizzjonijiet kuntrattwali tagħhom u jiġi supponut li huma segmentati f'sensiela ta' kuntratti li jistgħu jiġu riveduti ta' kull sena, ma jistgħux jitqabblu ma' sensiela ta' 365 kuntratt ta' jum għall-istess perjodu. Ebda wieħed minn dawn is-segmenti tas-suq alternattivi ma kien joffri l-prevedibbiltà u l-istabbiltà tar-rikavat meħtieġ minn Hidroelectrica jew jaqbel mal-karatteristiċi tal-produzzjoni u l-pjan ta' investiment ta' Hidroelectrica (premessi 13- 15).

(113) Finalment, fil-fatt, il-volumi totali nnegozjati kull sena mill-2007 sal-2010 bejn il-fornituri Rumeni kollha u x-xerrejja rilevanti fis-swieq ta' ġurnata bil-quddiem u ta' bbilanċjar f'daqqa dejjem ammontaw għal inqas mill-volum annwali fornit bil-kuntratti investigati (ara l-premessi 30, 31 u 38). Matul dak il-perjodu, l-ebda wieħed mis-segmenti tas-suq ma kellu l-kapaċità u l-likwidità meħtieġa għall-assorbiment tal-volumi tal-bejgħ li sar bil-kuntratti investigati. Fi kliem ieħor, anki bis-suppożizzjoni mhux realistika li Hidroelectrica setgħet tibdel il-produtturi u l-bejjiegħa Rumeni kollha f'wieħed minn dawn iż-żewġ segmenti tas-suq jew fit-tnejn li huma,

Hidroelectrica xorta waħda kien ikollha bżonn issib xerrejja oħrajn għall-volumi inkwistjoni. Għaldaqstant, il-patti u l-prezzijiet applikati f'dawk is-segmenti tas-suq kemxejn niċċa, jammontaw kemm jammontaw, ma jistgħux jintużaw bħala referenza għal tqabbil sinifikanti u oġġettiv mal-prezzijiet ta' Hidroelectrica għal kuntratti fit-tul.

(114) Fid-dawl tal-karatteristiċi essenzjali tal-kuntratti f'termini tal-flessibbiltà tal-provvista, id-durata twila u l-kwantitajiet fil-kuntratt, u fiċ-ċirkustanzi speċjali tas-suq Rumen fil-perjodu investigat, l-eqreb komparaturi disponibbli għad-determinazzjoni tal-preżenza possibbli ta' vantaġġ ekonomiku fuq il-kundizzjonijiet tas-suq prevalenti fir-Rumanija kienu l-prezzijiet miftehmin mill-konsumaturi l-kbar li kkonkludew kuntratti ppersonalizzati nnegozjati direttament b'patti li ma kinux riġidi u li kienu prestabbiliti. Għaldaqstant, xieraq li jiġi analizzat jekk il-kuntratti taħt skrutinju kinux konformi mal-prezzijiet ta' bejjiegħa oħrajn fis-suq Rumen għal kuntratti nnegozjati direttament. Is-sett tad-dejta fil-premessi 35-38 hawn fuq li jkopri l-kuntratti bilaterali nnegozjati direttament fis-seħħ li kienu kontemporanji mal-kuntratti investigati jikkostitwixxi l-iktar bażi adegwata disponibbli għall-Kummissjoni f'dan il-każ għat-tqabbil tal-prezzijiet tal-kuntratti mitlubin lin-negozjanti tal-elettriku, Alro, Electrocarbon u Elsid. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qabblet dawk il-prezzijiet mal-prezzijiet li jirriżultaw mis-sett tad-dejta li jirreferi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sa tmiem l-2010.

— Il-kuntratti ma' ArcelorMittal

(115) Fir-rigward taż-żewġ kuntratti konklużi fl-2009 u l-2010 minn Hidroelectrica ma' ArcelorMittal fis-suq tal-OPCOM-PCCB, il-Kummissjoni ma tqisx li l-prezzijiet taħt l-offerti paralleli taż-żewġ negozjanti fis-suq tal-OPCOM-PCCB imsemmijin fid-deċiżjoni tal-ftuħ rilevanti jirrappreżentaw prezz ta' riferiment adegwat, għar-raġunijiet li ġejjin:

— B'rabta mal-kuntratt tal-2009, l-ebda waħda miż-żewġ offerti paralleli magħmulin fl-OPCOM fil-fatt ma kienet valida. Energy Holding irtirat l-offerta parallela tagħha għall-istess perjodu, kwantità u patti tal-kunsinna qabel ma tqiegħdet għall-irkant l-offerta ta' ArcelorMittal ([56]). L-offerta l-oħra, minn Petprod, ma kinitx aċċettabbli għal skopijiet ta' parametraġġ referenzjarju għaliex kienet tkopri biss nofsi l-kwantità li offriet li tixtri ArcelorMittal;

— B'rabta mal-kuntratt tal-2010, id-dejta finanzjarja għaż-żewġ negozjanti b'offerti paralleli wriet li ma kinux ikunu kapaċi jġarrbu t-telf li kieku ma rnexxielhomx jerġgħu jbigħu l-kwantità kbira ta' elettriku li kien bihsiebhom jixtru mingħand Hidroelectrica: l-intenzjoni reali ta' dawn iż-żewġ negozjanti fl-2010 kienet li jerġgħu jbigħu l-elettriku lil ArcelorMittal bi prezz ogħla. Fil-fatt, iż-żewġ offerti ġew irtirati minnufih wara li Hidroelectrica aċċettat l-offerta ta' xiri min-naħa ta' ArcelorMittal fid-29 ta' Diċembru 2010, u dan juri li n-negozjanti kkonċernati ma kinux qegħdin jiddependu mill-bejgħ ta' dawk il-kwantitajiet lil klijenti oħrajn apparti ArcelorMittal ([57]).

(116) Fin-nuqqas tal-applikazzjoni ta' kuntratti komparabbli għalkollox, il-prezzijiet medji tal-OPCOM-PCCB mhumiex punt ta' riferiment validu għaż-żewġ kuntratti ma' ArcelorMittal, peress li l-volum tal-enerġija nnegozjata fl-OPCOM kien limitat u t-tipi ta' tranżazzjoni effettivament imwettqa ma kinux komparabbli.

(117) Minkejja l-fehmiet preliminari proposti fid-deċiżjonijiet tal-ftuħ, u f'kunsiderazzjoni tal-kwantitajiet kbar ta' elettriku mixtrija minn ArcelorMittal, il-fatt li ArcelorMittal kienet klijent affidabbli u finanzjarjament stabbli ta' Hidroelectrica u l-fatt li l-ebda waħda miż-żewġ offerti paralleli min-negozjanti u lanqas il-prezzijiet medji tal-OPCOM-PCCB ma kienu jirrappreżentaw komparatur validu għaż-żewġ kuntratti ma' ArcelorMittal, il-Kummissjoni tqis li l-aħjar indikatur għal skopijiet ta' punt ta' riferiment għall-prezz ikun dak użat għall-kuntratti l-oħrajn identifikati fis-sett tad-dejta Għaldaqstant, fid-dawl tal-kummenti riċevuti bħala tweġiba għad-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni mmodifikat l-analiżi tagħha u eżaminat il-prezzijiet ta' dawn iż-żewġ kuntratti ma' ArcelorMittal fuq il-bażi tal-istess sett tad-dejta użat għat-tqabbil tal-kuntratti fit-tul.

([56]) L-offerta ta' ArcelorMittal tqiegħdet għall-irkant minn Hidroelectrica fit-23 ta' Diċembru 2009 filwaqt li Energy Holding irtirat l-offerta tagħha fit-22 ta' Diċembru 2009.

([57]) Iż-żewġ offerti paralleli ta' Arelco u Petroped ġew irtirati fl-20 u t-30 ta' Diċembru 2010, rispettivament.

— L-analiżi ekonometrika mill-Kummissjoni tal-prezzijiet tal-kuntratti fit-tul

(118) Fi swieq tal-elettriku li jiffunzjonaw sew b'likwidità adegwata u strumenti li jippermettu li jitbassru l-prezzijiet tal-kunsinni futuri, il-prezzijiet spot huma indikazzjoni jew approssimazzjoni tajba tal-prezzijiet tas-suq u jistgħu jintużaw bħala punti ta' riferiment għall-valutazzjoni tal-livelli tal-prezzijiet f'kuntratti speċifiċi. Madankollu, f'dan il-każ, minħabba s-ehem relattivament għoli mod-domanda li, fir-Rumanija fl-2009, kien għadu qiegħed jiġi ssodisfat fuq il-bażi ta' tariffi regolati, il-likwidità limitata tal-pjattaformi tan-negozjar tal-OPCOM fil-perjodu 2007-2010, u l-fatt li l-boroż tal-enerġija ġestiti mill-OPCOM kienu tfasslu bħala suq tal-antitrust rilevanti li fih huwa prattikat abbuż minn pożizzjoni dominati, xieraq li wieħed joqgħod fuq punti ta' riferiment oħrajn għall-valutazzjoni tal-preżenza potenzjali ta' vantaġġ ekonomiku fuq il-prezzijiet tas-suq.

(119) Għaldaqstant, il-Kummissjoni użat is-sett tad-dejta pprovdut mill-awtoritajiet Rumeni, minħabba li dan tqies bħala l-aħjar sors disponibbli ta' evidenza li tirrifletti l-kundizzjonijiet tas-suq fir-Rumanija. Is-sett tad-dejta fih informazzjoni adegwata sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tanalizza l-kundizzjonijiet fis-suq tal-elettriku Rumen fil-perjodu ta' żmien investigat, kif muri fil-premessi 36 u 37. Fuq il-bażi tas-sett tad-dejta, il-Kummissjoni wettqet analiżi ekonometrika sabiex tistima punt ta' riferiment għall-prezz ibbażat fuq kuntratti tal-provvista tal-elettriku kontemporanji għall-kuntratti investigati ta' Hidroelectrica matul il-perjodu investigat. L-użu tal-mudelli ekonomiċi sabiex jiġu kkwantifikati il-vantaġġi possibbli fuq il-kundizzjonijiet tas-suq huwa konformi mal-preċedent f'kuntesti tas-suq kumplessi (premessa 104), bħal dak inkwistjoni fir-Rumanija mill-2007 (premessi 24-38 u 107). Fl-Anness II hija pprovduta deskrizzjoni teknika sħiħa u dettaljata tal-analiżi ekonometrika u r-riżultati tagħha.

(120) Fin-nuqqas ta' referenza definittiva sabiex jiġu stabbilitti l-"kundizzjonijiet tas-suq", sabiex jiġi vverifikat jekk il-kuntratti kellhomx prezzijiet ogħla mil-livell tas-suq, intuża punt ta' riferiment tal-prezzijiet tas-suq bħala indikatur, b'suppożizzjonijiet konservattivi, jiġifieri billi ttieħed kont tad-devjazzjonijiet importanti 'l isfel mill-prezz tas-suq stmat. Fuq il-bażi ta' dan l-approċċ konservattiv, il-Kummissjoni għamlet paragun bejn il-prezzijiet tal-kuntratti ta' Hidroelectrica u l-prezz tas-suq ta' riferiment annwali bejn l-2007 u l-2010. It-tqabbil sar fuq bażi annwali għaliex, fil-fatt, il-prezzijiet tal-bejgħ kienu modifikati ta' kull sena ([58]), minkejja d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-kuntratti.

(121) L-analiżi turi li tliet benefiċjarji allegati biss ibbenefikaw minn prezzijiet oħos minn dawk li jaqgħu fi ħdan il-medda li fiha jistgħu jitqiesu konformi mal-prezz tas-suq ta' riferiment:

— F'kull sena bejn l-2007 u l-2010, Electrocarbon u Elsid jesibixxu prezzijiet tal-kuntratti inqas mill-prezz tas-suq ta' riferiment għas-sena korrispondenti.

— Għal Luxten-Lighting, id-differenza hija ogħla mill-punt ta' riferiment għall-prezz fl-2008 u l-2009 biss.

(122) L-analiżi turi li l-prezzijiet applikati minn Hidroelectrica f'disgħa mill-kuntratti bejn l-2007 u l-2010, jiġifieri dawk ma' Alpiq RomIndustries, Alpiq RomEnergie, EFT, Electromagnetica, Energy Holding, Euro-Pec, Electrica, ArcelorMittal u Alro, kienu konformi bis-sħiħ mal-prezz tas-suq ta' riferiment. Fil-każ tal-kuntratt ma' Luxten-Lighting, il-prezzijiet applikati fl-2007 u l-2010 ma jvarjawx b'mod sinifikanti minn dawk ta' kuntratti nnegozjati direttament oħrajn konklużi fis-suq Rumen.

(123) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li ma kien hemm ebda vantaġġ ekonomiku indebitu fuq il-kundizzjonijiet tas-suq mogħtijin bil-kuntratti ma' Alpiq RomIndustries, Alpiq RomEnergie, EFT, Electromagnetica, Energy Holding, Euro-Pec, Electrica, ArcelorMittal u Alro għall-perjodu sħiħ ta' żmien investigat, kif ukoll ma' Luxten-Lighting għas-snin 2007 u 2010.

(124) Fl-istess ħin, l-analiżi empirika tidentifika tliet kuntratti li kellhom prezzijiet li mhumiex konformi mal-punt ta' riferiment għall-prezzijiet, jiġifieri l-kuntratt bejn Hidroelectrica u Luxten-Lighting għall-2008 u l-2009 u dawk ma' Electrocarbon u Elsid għall-2007-2010.

(125) Fid-dawl ta' dan li ntqal hawn fuq, id-deċiżjoni ta' Hidroelectrica li żżomm it-tliet kuntratti ma' Electrocarbon u Luxten-Lighting ma tistax titqies li hija dik ta' operatur tas-suq razzjonali, peress li l-kuntratti ma' Luxten-Lighting għall-2008 u l-2009 u ma' Electrocarbon u Elsid għall-2007-2010 jidhru li huma taħt il-kundizzjonijiet tas-suq, b'suppożizzjonijiet konservattivi (Anness II). Għaldaqstant, il-kuntratti ta' Hidroelectrica taw vantaġġ ekonomiku indebitu lil Luxten-Lighting għall-2008-2009 u lil Electrocarbon u Elsid għall-2007-2010.

([58]) Ara l-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

(126) Minn dan isegwi li l-kuntratti ta' Hidroelectrica ma' Luxten-Lighting għall-2008 u l-2009 u ma' Electrocarbon u Elsid għall-2007-2010 jidhru li ffavorixxew lix-xerrejja billi tawhom vantaġġ ekonomiku indebitu fuq il-kundizzjonijiet normali tas-suq u, għalhekk, ma tistax tiġi eskluża l-possibbiltà li l-kuntratti involvew għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(127) Għaldaqstant, fid-dawl tas-sejbiet tal-analiżi ekonometrika tal-Kummissjoni deskritta fil-premessa 120, hemm bżonn li jiġi analizzat ukoll jekk hijiex issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet kumulattivi l-oħrajn għall-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat fir-rigward ta' Luxten-Lighting, Electrocarbon u Elsid.

7.3. **Ir-riżorsi tal-Istat u l-imputabilità lill-Istat**

(128) Peress li Hidroelectrica hija 80 % proprjetà tal-Istat u li nuqqas potenzjali ta' rikavat mill-bejgħ inaqqas ir-riżorsi disponibbli għar-Rumanija fil-kapaċità tagħha bħala azzjonist, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li r-rikavati jew in-nuqqas ta' dawn mill-bejgħ ta' elettriku bit-tliet kuntratti ma' Luxten-Lighting għall-2008-2009 u Electrocarbon u Elsid għall-2007-2010 jinvolvu riżorsi tal-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(129) Madankollu, l-istess konklużjoni mhux bilfors hija ġġustifikata fir-rigward tal-imputabbiltà lill-Istat Rumen tad-deċiżjonijiet kummerċjali ta' Hidroelectrica b'rabta mal-prezzijiet u r-rikavat mill-bejgħ skont it-tliet kuntratti ma' Luxten-Lighting, Electrocarbon u Elsid wara l-1 ta' Jannar 2007. Tabilħaqq, is-sempliċi fatt li l-prezzijiet b'applikazzjoni tal-kuntratti taħt skrutinju kienu debitati minn Hidroelectrica, impriża pubblika kkontrollata b'maġġoranza mill-Istat Rumen, mhuwiex raġuni biżżejjed sabiex jiġi konkluż li dawn id-deċiżjonijiet kienu imputabbli lill-Istat Rumen.

(130) Fil-fatt, it-tliet kuntratti kollha kemm huma kienu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007 (premessa 19, Anness I). Il-Kummissjoni mhijiex kompetenti sabiex tistabbilixxi jekk il-konklużjoni tat-tliet kuntratti inkwistjoni fl-2002 u l-2004 u kwalunkwe emenda fil-perjodu ta' qabel l-adeżjoni tar-Rumanija mal-UE kinux imputabbli lill-Istat Rumen, jew li tivvaluta ċ-ċirkustanzi tas-suq li fihom ġew konklużi jew emendati l-kuntratti qabel id-data rilevanti (premessa 101). Għaldaqstant, id-deċiżjonijiet ta' Hidroelectrica li l-Kummissjoni hija kompetenti sabiex tivvaluta huma dawn li ġejjin:

— deċiżjoni espliċita jew taċita li żżomm fis-seħħ wara l-1 ta' Jannar 2007 il-kuntratti tal-bejgħ konklużi qabel l-adeżjoni tar-Rumanija mal-UE u,

— kwalunkwe deċiżjoni sabiex jiġu modifikati b'mod sostanzjali l-kundizzjonijiet tal-kuntratti wara l-adeżjoni tar-Rumanija mal-UE, b'mod partikolari deċiżjonijiet dwar l-emendar tal-prezzijiet tal-kuntratti.

(131) F'dak ir-rigward, anki jekk l-IstatRumen kien f'pożizzjoni li jikkontrolla l-politika ta' Hidroelectrica u li jeżerċita influwenza dominanti fuq id-deċiżjonijiet tagħha, ma jistax jiġi supponut b'mod awtomatiku li, fil-kwistjoni ta' żamma tal-kuntratti ma' Luxten-Lighting għas-snin 2008-2009 u ma' Electrocarbon u Elsid għas-snin 2007-2010, u l-emendar tal-prezzijiet tal-kuntratti, fil-fatt eżerċita dak il-kontroll.

(132) Skont il-ġurisprudenza rilevanti ([59]), hemm bżonn li jiġi eżaminat kemm jekk l-awtoritajiet Rumeni jistgħu jitqiesu li kienu involuti, b'xi mod jew ieħor, fiż-żamma tal-kuntratti fis-seħħ u fil-modifika tal-prezzijiet tal-kuntratti, kif ukoll il-probabbiltà li ma kinux involuti f'dawn id-deċiżjonijiet. Għal dak l-għan, l-imputabbiltà lill-Istat Rumen tad-deċiżjonijiet rigward il-kuntratti investigati tista' tiġi inferita minn sett ta' indikaturi li jirriżultaw miċ-ċirkustanzi, u mill-kuntest, li fihom Hidroelectrica forniet elettriku lil Luxten-Lighting għas-snin 2008-2009 u lil Electrocarbon u Elsid wara l-2007.

(133) B'mod partikolari, u fuq il-bażi tal-ġurisprudenza rilevanti, iż-żamma tat-tliet kuntratti kurrenti u l-introduzzjoni ta' modifiki fil-prezzijiet tal-kuntratti wara l-2007 jistgħu jkunu imputabbli lir-Rumanija (i) jekk Hidroelectrica ma setgħetx tiddeċiedi fuq dawn il-kwistjonijiet bla ma tqis ir-rekwiżiti tal-awtoritajiet pubbliċi, jew (ii) jekk Hidroelectrica kellha tikkunsidra direttivi maħruġin minn korp governattiv jew interministerjali. Bl-istess mod, kellu jiġi

([59]) Sentenza fi *Franza* vs *Il-Kummissjoni* (*Stardust Marine*), C-482/99, ECLI:EU:C:2002:294, paragrafi 51 sa 58.

kkunsidrat ukoll (iii) jekk Hidroelectrica hijiex integrata fl-istrutturi tal-amministrazzjoni pubblika, (iv) in-natura tal-attivitajiet tagħha u l-eżerċizzju ta' dawn fuq is-suq f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni ma' operaturi privati, (v) l-istatus legali ta' Hidroelectrica (fis-sens jekk hijiex soġġetta għal-liġi pubblika jew għad-dritt ordinarju tal-kumpaniji), (vi) l-intensità tas-sorveljanza eżerċitata mill-awtoritajiet pubbliċi fuq il-ġestjoni tagħha, jew (vii) kwalunkwe indikatur ieħor ta' involviment mill-awtoritjaiet pubbliċi fiż-żamma tal-kuntratti u l-modifika tal-prezzijiet tal-kuntratti, jew inkella l-improbabbiltà li ma jkunux involuti, filwaqt li jitqiesu wkoll (viii) il-kumpass tad-deċiżjonijiet meħudin minn Hidroelectrica, il-kontenut tagħhom jew il-kundizzjonijiet li fihom ([60]).

(134) Hidroelectrica hija kumpanija rregolata mid-dritt tal-kumpaniji ordinarju u mhijiex integrata fl-istrutturi tal-amministrazzjoni pubblika. Fil-fatt, il-membri tal-bord tad-diretturi ta' Hidroelectrica jistgħu jikkumulaw funzjonijiet mal-karigi governattivi (premessa 12). Dan jista' jissuġġerixxi li l-membri tal-bord tad-diretturi ntgħażlu primarjament fuq il-bażi tal-qrubija tagħhom għall-Gvern minflok fuq il-bażi tal-esperjenza jew il-kompetenza kummerċjali tagħhom. Filwaqt li hemm indikazzjonijiet li Hidroelectrica hija obbligata tqis id-direttivi maħruġin minn korp governattiv jew interministerjali, ma hemm ebda indikazzjoni li kwalunkwe direttiva bħal din inħarġet għall-finijiet ta' żamma fis-seħħ tat-tliet kuntratti inkwistjoni u ż-żieda tal-prezzijiet tal-kuntratti. B'mod partikolari, ma hemm ebda indikazzjoni li l-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti jew il-bord tad-diretturi ta' Hidroelectrica kellhom xi rwol fid-deċiżjonijiet marbutin ma' (żamma ta') kuntratti tal-provvista tal-elettriku kummerċjali u/jew l-emendar tal-prezzijiet applikati b'applikazzjoni ta' dawk il-kuntratti (premessa 12). Kif osservaw diversi partijiet interessati, skont l-artikoli tal-inkorporazzjoni ta' Hidroelectrica u d-dritt tal-kumpaniji tar-Rumanija, l-uffiċjal kap eżekuttiv imexxi l-kumpanija, jirrappreżentaha fil-ħidma ta' kuljum u jieħu deċiżjonijiet indipendenti fuq kwistjonijiet apparti dawk riżervati għal-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti u l-bord tad-diretturi. L-awtoritajiet Rumeni jisħqu li l-membri tal-bord tad-diretturi jridu jieħdu deċiżjonijiet fl-interess tal-kumpanija.

(135) L-Ordni Ministerjali 445/2009, li l-Kummissjoni rreferiet għaliha fid-deċiżjonijiet tal-ftuħ (premessa 44), ma kellha ebda effett fuq il-patti u l-kundizzjonijiet tat-tliet kuntratti inkwistjoni. Skont l-Artikolu 1(2) ta' din l-Ordni, il-kuntratti bilaterali kurrenti kienu ġeneralment eżentati mir-regola li fuq il-bażi tagħha r-rappreżentanti tal-Ministeru tal-Ekonomija, il-Kummerċ u l-Ambjent tan-Negozju u l-membri tal-bordijiet tad-diretturi tal-kumpaniji tal-elettriku tal-Istat kienu obbligati jiżguraw li, mill-31 ta' Marzu 2010, il-volum tal-elettriku ddestinat għas-suq tal-operaturi jkun innegojat esklussivament fuq l-OPCOM. Kif osservat fil-premessa 101, il-kompetenza li jiġu eżaminati l-kuntratti inkwistjoni mill-perspettiva tar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat bdiet mill-adeżjoni tar-Rumanija mal-UE, jiġifieri tliet snin qabel it-terminu stabbilit fl-Ordni Ministerjali Nru 445/2009 u iktar minn sentejn qabel l-adozzjoni tal-Ordni. Minn dan isegwi li ma kienet teżisti ebda regola bħal din meta l-kuntratti inkwistjoni saru suxxettibbli għall-analiżi skont ir-regoli tal-UE. Barra minn hekk, il-kuntratti fil-livell tal-konsumatur bejn Hidroelectrica u Elsid u, rispettivament ma' Electrocarbon — fis-seħħ qabel il-31 ta' Marzu 2010 — ma kinux ikunu involuti, anki li kieku l-miżura kienet tapplika wkoll għal kuntratti li kienu jeżistu meta daħlet fis-seħħ l-ordni, peress li l-bejgħ (futur) għall-operaturi biss kien rilevanti.

(136) Barra minn hekk, għad li l-Ordni Ministerjali 445/2009 tissuġġerixxi grad ta' influwenza min-naħa tal-Istat fuq il-politika kummerċjali tal-produtturi tal-elettriku tal-Istat, l-għan tagħha huwa primarjament ta' xorta regolatorja, jiġifieri li żżid it-trasparenza tat-tranżazzjonijiet tal-enerġija fis-suq għall-operaturi u li tiżgura volumi u likwidità ikbar fil-pjattaformi tan-negozjar amministrati mill-OPCOM. Din l-Ordni Ministerjali tapplika għall-produtturi kollha tal-Istat, u mhux għal Hidroelectrica biss. Għaldaqstant, ma jistax jiġi dedott mill-patti u l-iskopijiet tal-Ordni Ministerjali 445/2009 li l-Istat Rumen eżerċita kontroll fuq kull tranżazzjoni, kuntratt jew emenda fil-kuntratti rigward il-provvista tal-elettriku minn produtturi tal-elettriku tal-Istat, li jammontaw għall-maġġoranza assoluta tal-produtturi fis-suq Rumen, jew, b'mod partikolari, minn Hidroelectrica. Fi kliem ieħor, l-Ordni ma tagħmilhiex plawżibbli li l-Istat Rumen kien involut fl-attività ta' ħidma kummerċjali ordinarja ta' kuljum, il-kuntratti tal-bejgħ, l-emendi għalihom, in-negozjati tal-prezzijiet, eċċ. b'rabta mat-tliet kuntratti eżaminati.

(137) Ħlief għall-provvista tal-elettriku fis-suq regolat (premessi 25-26), Hidroelectrica teżerċita l-attivitajiet tagħha ta' forniment tal-elettriku fi swieq miftuħin ma' xerrejja mhux ristretti, f'kompetizzjoni ma' fornituri oħrajn bi sjieda pubblika jew privata. B'mod partikolari, volum sinifikanti ta' elettriku ferm ikbar mill-ammont totali ta' provvisti ta' Hidroelectrica skont il-kuntratti kollha investigati ġie nnegozjat permezz ta' kuntratti bilaterali personalizzati fit-tul fis-suq Rumen, fejn jikkompetu ħafna fornituri oħrajn (premessi 30 u 38). Għaldaqstant, il-kuntratti ta' Hidroelectrica taħt skrutinju u, b'mod partikolari, it-tliet kuntratti personalizzati fit-tul ma' Luxten-Lighting, Electrocarbon u Elsid, miżmuma wara l-1 ta' Jannar 2007 mhumiex anormali jew straordinarji, u dan jissuġerixxi interess partikolari min-naħa tal-Istat sabiex iżommhom.

([60]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 59.

(138) Barra minn hekk, il-kuntratti ma' Electrocarbon u Elsid inżammew u reġgħu ġew negozjati mir-riċevitur ta' Hidroelectrica wara li l-proċedimenti ta' insolvenza kienu nbdew fl-2012, u dan jagħti indikazzjoni li dawn il-kuntratti kienu għadhom ta' interess għall-maniġment temporanju l-ġdid ta' Hidroelectrica, ferm wara l-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea fl-2007 u ferm wara li kienu ġew konklużi u emendati l-kuntratti, b'mod partikolari rigward il-prezzijiet. Bl-istess mod, Hidroelectrica talbet prezzijiet ogħla mil-livelli tal-kuntratti u avżat lil Electrocarbon u Elsid dwar l-interruzzjoni tas-servizzi sabiex ikollhom jaċċettaw iktar żidiet fil-prezzijiet fl-2010 (premessi 22), u b'hekk aġixxiet bħal bejjiegħ li ried jimmassimizza r-rikavat u mhux bħala konċedent ta' għajnuna.

(139) Dan ma jfissirx li l-Istat Rumen mhuwiex f'pożizzjoni li jkun involut mal-kuntratti kummerċjali tal-forniturі tal-elettriku tal-Istat fl-interessi ta' xerrejja industrijali speċifiċi u kbar. Pereżempju, qabel l-adeżjoni tar-Rumanija mal-UE, Nota Interna datata t-2 ta' Frar 2006, iffirmata mis-Segretarju tal-Istat tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Kummerċ u approvata mill-Prim Ministru, ipproponiet l-implimentazzjoni ta' trattament preferenzjali speċjali tal-ikbar għaxar utenti intensivi fl-użu tal-enerġija fir-Rumanija (inklużi produtturi tal-aluminju jew tal-azzar forniti minn Hidroelectrica jew Nuclearelectrica). Fir-rigward tal-kuntratt ma' Arcelor-Mittal, b'mod partikolari, id-deċiżjoni tal-bord tad-diretturi ta' Hidroelectrica Nru 13/2009 datata s-16 ta' Diċembru 2009 tat is-setgħa lill-uffiċjal kap eżekuttiv ta' Hidroelectrica "*sabiex jinnegozja l-kuntratt kurrenti ta' bejgħ tal-elettriku fl-aqwa kundizzjonijiet għal Hidroelectrica*". Il-bord tad-diretturi għamel dan billi approva l-patti ewlenin tal-kuntratti tal-2009 u l-2010 ma' ArcelorMittal. L-Addendum Nru 17 fl-2009 għall-kuntratt ma' Alro (li jdaħħal il-formula LME fil-kalkolu tal-prezz tal-kuntratt) kien approvat mill-bord tad-diretturi ta' Hidroelectrica wkoll.

(140) Bl-istess mod, memorandum tat-3 ta' Frar 2011 miż-żewġ Maniġers Ġenerali ta' Nuclearelectrica u CE Hunedoara, li, bħal Hidroelectrica, huma tal-Istat, talab l-approvazzjoni mill-Ministeru tal-Ekonomija u l-Kummerċ għall-konklużjoni ta' kuntratt ta' bejgħ tal-elettriku għall-operaturi bejn Nuclearelectrica bħala bejjiegħ u CE Hunedoara bħala xerrej. Din it-tranżazzjoni kienet teħtieġ deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Ordni 445/2009 li kienu jeħtieġu li kwalunkwe tranżazzjoni fl-elettriku fil-livell tal-operaturi li tinvolvi impriża tal-Istat issaħħaħ fuq l-OPCOM biss. Din id-deroga ntalbet fid-dawl tal-fatt li l-elettriku mixtri kien iservi "*l-ħtiġijiet tal-elettriku ta' numru ta' konsumaturi industrijali ta' importanza nazzjonali fl-2011*". Dan il-memorandum kien approvat bis-sħiħ mill-Ministeru tal-Ekonomija u l-Kummerċ.

(141) Minn dan isegwi li hemm xi evidenza indiretta li ma tippermettix li titwarrab għalkollox il-possibbiltà li l-Istat Rumen seta' kien involut fil-konklużjoni tal-kuntratti ta' Hidroelectrica ma' xerrejja industrijali kbar intensivi fl-użu tal-enerġija, jew fit-twettiq ta' emendi kbar fihom.

(142) Barra minn hekk, il-Kummsisjoni kkonkludiet li kuntratti ta' xiri oħrajn li fihom Hidroelectrica daħlet ma' żewġ kumpaniji oħrajn tal-Istat, Electrocentrale Deva u Termoelectrica, fl-2008 u l-2009, kienu imputabbli lill-Istat Rumen. Dik il-konklużjoni kienet ibbażata primarjament fuq evidenza diretta taż-żewġ kumpaniji tal-Istat l-oħrajn li fittxu li jiksbu l-approvazzjoni tal-kuntratti mingħand il-Ministeru responsabbli għal Hidroelectrica li hija tal-Istat ukoll bħala mezz ta' (kontro)finanzjament għall-operazzjonijiet attwali tagħhom u dik tal-minjieri tal-Istat li fornietħom bil-faħam, għal raġunijiet soċjali u mhux kummerċjali oħrajn ([61]).

(143) Madankollu, il-kunsiderazzjonijiet li jrendu plawżibbli (jew ma jeskludux il-possibbiltà ta') involviment mill-Istat Rumen f'numru ta' kuntratti ta' Hidroelectrica ma' xerrejja industrijali kbar ta' importanza nazzjonali għall-ekonomija Rumena u ma' bejjiegħa oħrajn tal-Istat ma jistgħux jiġu estrapolati b'tali mod li l-kuntratti kummerċjali kollha ta' Hidroelectrica u, b'mod partikolari, dawk ma' Elsid, Electrocarbon u negozjanti tal-elettriku jitqiesu li huma imputabbli lill-Istat Rumen. Għall-kuntrarju ta' Electrocentrale Deva u Termoelectrica, Elsid, Electrocarbon u n-negozjanti tal-elettriku kellhom sjieda privata u l-ebda minnhom ma tista' titqies li hija xerrej industrijali kbir ta' importanza nazzjonali għall-ekonomija Rumena. B'mod partikolari, l-evidenza disponibbli mill-investigazzjoni ma tindika ebda interess jew involviment speċifiku min-naħa tal-Istat Rumen li wassal sabiex Hidroelectrica tikkonkludi jew, wara l-adeżjoni tar-Rumanija, iżżomm il-kuntratti ma' Elsid, Electrocarbon u n-negozjanti tal-elettriku.

([61]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1877 tal-20 ta' April 2015 dwar t-Tariffi minn S.C. Hidroelectrica S.A. tar-Rumanija lil S.C. Termoelectrica S.A. u S.C. Electrocentrale Deva S.A. — SA.33475 (12/C), (ĠU L 275, 20.10.2015, p. 46), premessi 96 – 100.

(144) Barra minn hekk, fir-rigward ta' Elsid, Electrocarbon u Luxten-Lighting, li kienu individwati b'mod speċifiku fit-taqsima 7.1 ta' qabel, diversi fatti jagħmluha mhux plawżibbli li d-deċiżjoni li jinżammu l-kuntratti u jiġu emendati l-prezzijiet tal-kuntratti ma' Luxten-Lighting għall-2008-2009 u ma' Electrocarbon u Elsid għall-2007-2010 tista' tiġi attribwita lill-awtoritajiet Rumeni.

(145) B'mod partikolari, il-prezzijiet attwali mit-tliet kuntratti żdiedu b'mod kostanti kull sena. Bejn l-2007 u l-2010, il-prezzijiet mitlubin lil Elsid, Electrocarbon u Luxten-Lighting żdiedu b'44,5 %, 44,5 % u 41,4 %, rispettivament. Iż-żidiet fil-prezzijiet naqqsu l-valur assolut tal-għajnuna mogħtija. Dawn il-bidliet fil-kuntratt li jnaqqsu l-ammont putattiv tal-għajnuna mill-Istat allegata, dejjem kienu xkattati minn Hidroelectrica, u għall-benefiċċju tagħha. Strateġija li għandha l-għan li tnaqqas l-ammont ta' għajnuna mogħti lill-benefiċjarji tidher li tikkontradixxi l-iskop tal-għoti tal-għajnuna jew, tal-inqas, li hija sofistikata wisq sabiex tkun plawżibbli. Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' Alro u ArcelorMittal, Elsid, Electrocarbon u Luxten-Lighting ma jistgħux jitqiesu li huma konsumaturi industrijali ta' importanza nazzjonali: fil-fatt, ix-xirjiet tal-konsum annwali tagħhom mingħand Hidroelectrica ammontaw għal inqas minn għaxra fil-mija ta' dawk ta' Alro (Anness I). Għaldaqstant, huwa improbabbli li d-deċiżjonijiet li jnaqqsu l-ammont tal-għajnuna biż-żieda konsiderevoli tal-prezzijiet tal-kuntratti ma jistgħux jiġu imputati għal deċiżjoni kummerċjali ta' Hidroelectrica iżda għal deċiżjoni tal-Istat Rumen bil-għan li jipprovdi għajnuna lill-benefiċjarji allegati.

(146) Il-fatt li huwa improbabbli li l-Istat ikun involut fit-tnaqqis sottili tal-ammont tal-għajnuna huwa minnu wkoll fir-rigward tal-kuntratti ma' Electrocarbon u Elsid. B'mod partikolari, huwa implawżibbli li Hidroelectrica kienet qiegħda taġixxi fuq ordnijiet tal-Istat meta talbet żidiet fil-prezzijiet ogħla mill-prezzijiet tal-kuntratti fl-2010, biex b'hekk heddet li twaqqaf il-provvista tal-elettriku u ħadet il-kwistjoni l-qorti (premessa 22), għaliex iż-żidiet fil-prezzijiet mitlubin kellhom l-effett li jnaqqsu l-ammont putattiv tal-għajnuna, u l-provvisti mwaqqfin setgħu jxekklu l-attivitajiet produttivi tax-xerrejja. Din l-imġiba ta' nuqqas ta' aderenza ma' prezz tal-kuntratt li allegatament jipprovdi l-għajnuna, bit-theddid ta' waqfien tal-provvisti u d-difiża taż-żidiet fil-prezzijiet il-qorti mhijiex imġiba tipika ta' konċedent tal-għajnuna, iżda hija dik ta' kumpanija li trid timmassimizza r-rikavat u li tiddefendi l-interessi kummerċjali tagħha u mhux interessata fl-ilħuq ta' għanijiet mhux kummerċjali, possibilment fuq ordnijiet riċevuti mill-Istat.

(147) Rigward Luxten-Lighting, ma hemm ebda raġuni ovvja għall-politika pubblika, bħal prezzijiet baxxi għall-utenti finali, wara l-bejgħ lil negozjant li jista' jbigħ biss bi prezzijiet ogħla minn dawk ta' Hidroelectrica li kieku din kienet biegħet l-istess elettriku fil-livell tal-konsumatur hi stess. Pereżempju, qabel ma kienet fornita fil-livell tal-konsumatur minn Hidroelectrica mill-2005, Alro kienet tixtri l-elettriku mingħand negozjant, Energy Holding, li kien jixtri l-elettriku fil-livell tal-operaturi mingħand Hidroelectrica. Kienet imġiba razzjonali ta' Alro li tkun fornita direttament minn Hidroelectrica, u b'hekk tiffranka marġni tan-negozjar, jekk il-fornitur tagħha ma kienx qiegħed iżid il-valur għall-provvista fil-livell tal-operaturi ta' Hidroelectrica. Fuq l-istess nota, huwa kemxejn implawżibbli li l-Istat Rumen wassal sabiex Hidroelectrica żżomm il-kuntratt ma' Luxten-Lighting fl-2008 u l-2009, għaliex li kieku Luxten-Lighting ma żiditx il-valur għall-bejgħ fil-livell tal-konsumatur tagħha lill-utenti industrijali jew xerrejja oħrajn, dawn tal-aħħar kienu jiksbu prezzijiet orħos billi jidħlu f'kuntratt diretta ma' Hidroelectrica. Barra minn hekk, Luxten-Lighting itterminat b'mod unilaterali l-kuntratt tagħha ma' Hidroelectrica f'Novembru 2011, qabel ma l-Kummissjoni fetħet il-proċedimenti; din l-imġiba mhijiex konsistenti ma' dik ta' benefiċjarju ta' għajnuna mill-Istat.

(148) Fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, mhuwiex stabbilit li l-kuntratti ma' Luxten-Lighting għall-2008-2009 u għal Electrocarbon u Elsid għall-2007-2010 huma imputabbli lir-Rumanija.

(149) Peress li l-element essenzjali ta' imputabbiltà lir-Rumanija għall-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat mhuwiex preżenti fit-tliet kuntratti ma' Luxten-Lighting għall-2008-2009 u ma' Electrocarbon u Elsid għall-2007-2010, ma hemmx bżonn li jiġi analizzat jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi l-oħrajn għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, bħall-effett potenzjali fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(150) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, it-tliet kuntratti taħt skrutinju, ma' Luxten-Lighting għall-2008-2009 u ma' Electrocarbon u Elsid għall-2007-2010, ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

8. **KONKLUŻJONI**

(151) Il-kuntratti koperti minn din id-Deċiżjoni ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kuntratti konklużi bejn Hidroelectrica u ArcelorMittal, Alpiq RomEnergie, Alpiq RomIndustries, EFT, Electrica, Electromagnetica, Energy Holding, EURO-PEC, Luxten-Lighting, Electrocarbon u Elsid, u l-kuntratt ma' Alro, ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2015.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-KUNTRATTI

SA.33451 KUMMERĊJANTI TAL-ELETTRIKU	Data tal-firma u l-perjodu ta' kuntratt (perjodu inizjali/wara estensjoni tal-perjodu)	Data tat-tmiem	Kwantità	Prezz (RON/MWh)
Alpiq RomEnergie	3 ta' April 2008 Perjodu inizjali: 5 snin Estensjoni (2009): b'5 snin addizzjonali (sal-2018)	20 ta' Lulju 2012	— 2008: […] GWh — 2009: […] GWh — 2010: […] GWh	— 2008: […] — 2009: […] — 2010: […]
Alpiq RomIndustries	29 ta' Novembru 2004 Perjodu inizjali: 10 snin Estensjoni (2009): b'5 snin addizzjonali (sa tmiem l-2019)	20 ta' Lulju 2012	Kwantità inizjali: 1 GWh — 2007: […] — 2008: […] — 2009: […] — 2010: […]	— 2007: […] — 2008: […] — 2009: […] — 2010: […]
Energy Financing Team Romania (EFT)	25 ta' Marzu 2004 Perjodu inizjali: 7 snin Estensjoni (2010): b'5 snin addizzjonali (sa tmiem l-2015)	18 ta' Lulju 2012	Kwantità inizjali (2006): […] GWh — 2007: […] GWh — 2008: […] GWh — 2009: […] GWh — 2010: […] GWh	— 2007: […] — 2008: […] — 2009: […] — 2010: […]
Electrica	*Kuntratt 111*: 17 ta' Awwissu 2010 *Kuntratt 112*: 14 ta' Settembru 2010	Kuntratt 111 31 ta' Lulju 2011 Kuntratt 112 31 ta' Diċembru 2010	Kuntratt 111 […] GWh minn Settembru 2010 sa 31 ta' Lulju 2011 Kuntratt 112 […] GWh minn Ottubru sa Diċembru 2010	Kuntratt 111 — 2010: […] Kuntratt 112 — 2010: […]
Electromagnetica	21 ta' April 2004 Perjodu inizjali: 10 snin	30 ta' April 2014	Kwantità inizjali: […] GWh — 2007: […] GWh — 2008: […] GWh — 2009: […] GWh — 2010: […] GWh	— 2007: […] — 2008: […] — 2009: […] — 2010: […]
Energy Holding	14 ta' Jannar 2004 Perjodu inizjali: 10 snin	24 ta' Lulju 2012	Kwantità inizjali: 3 692 GWh — 2007: […] GWh — l-ewwel nofs tal-2008 […] GWh — it-tieni nofs tal-2008 […] GWh — 2009: […] GWh — 2010: […] GWh	— 2007: […] — 2008: […] — 2009: […] — 2010: […]
EURO-PEC	3 ta' Marzu 2004 Perjodu inizjali: 10 snin	26 ta' Ġunju 2012	Kwantità inizjali: […] GWh — 2007: […] GWh — 2008: […] GWh — 2009: […] GWh — 2010: […] GWh	— 2007: […] — 2008: […] — 2009: […] — 2010: […]

SA.33451 KUMMERĊJANTI TAL-ELETTRIKU	Data tal-firma u l-perjodu ta' kuntratt (perjodu inizjali/wara estensjoni tal-perjodu)	Data tat-tmiem	Kwantità	Prezz (RON/MWh)
Luxten-Lighting	2 ta' Marzu 2004 Perjodu inizjali: 10 snin	Diċembru 2011	Kwantità inizjali: […] GWh — 2007: […] GWh — 2008: […] GWh — 2009: […] GWh — 2010: […] GWh	— 2007: […] — 2008: […] — 2009: […] — 2010: […]
SA.33581 PRODUTTURI TA' ELETTRODI	Data tal-firma u l-perjodu ta' kuntratt (perjodu inizjali/wara estensjoni tal-perjodu)	Data tat-tmiem	Kwantità	Prezz (RON/MWh)
Electrocarbon	28 ta' Marzu 2003 Perjodu inizjali: 5 snin Estensjoni (2004): b'5 snin addizzjonali (sal-31 ta' Marzu 2013)	31 ta' Marzu 2013	Kwantità inizjali: 800 GWh — 2007: […] GWh — 2008: […] GWh — 2009: […] GWh — 2010: […] GWh	— 2007: […] — 2008: […] — 2009: […] — 2010: […]
ELSID	18 ta' Diċembru 2002 Perjodu inizjali: 5 snin Estensjoni (2004): b'5 snin addizzjonali (sal-31 ta' Marzu 2013)	31 ta' Marzu 2013	Kwantità inizjali: 280 GWh — 2007: […] GWh — 2008: […] GWh — 2009: […] GWh — 2010: […] GWh	— 2007: […] — 2008: […] — 2009: […] — 2010: […]
SA.33624 Alro	Data tal-firma u l-perjodu ta' kuntratt (perjodu inizjali/wara estensjoni tal-perjodu)	Data tat-tmiem	Kwantità	Prezz (RON/MWh)
Alro	8 ta' Settembru 2005 Perjodu inizjali: 7 snin Estensjoni (2010): b'5 snin addizzjonali (sal-31 ta' Jannar 2018)	Għadha għaddejja sa tmiem l-2018	Kwantità inizjali: […] GWh — 2007: […] GWh — 2008: […] GWh — 2009: […] GWh — 2010: […] GWh	— 2007: […] — 2008: […] — 2009: […] — 2010: […]
SA.33623 ARCELORMITTAL GALAȚI	Data tal-firma u l-perjodu ta' kuntratt (perjodu inizjali/wara estensjoni tal-perjodu)	Data tat-tmiem	Kwantità	Prezz (RON/MWh)
ArcelorMittal	23 ta' Diċembru 2009 Perjodu: Sena (1) 22 ta' Diċembru 2010 Perjodu: Sena (1)	31 ta' Diċembru 2010 06 ta' Jannar 2012	[…] GWh […] GWh	2010 […] 2011 […]

ANNESS II

VALUTAZZJONI TAL-ALLEGAT VANTAĠĠ EKONOMIKU — ANALIŻI EKONOMIKA

Ir-raġunijiet u d-deskrizzjoni tal-analiżi ekonometrika

L-analiżi ekonometrika mwettqa mill-Kummissjoni hija mfassla sabiex toħloq prezzijiet ta' referenza għal kuntratti. Dawn il-prezzijiet jirriżultaw minn analiżi ta' rigressjoni mwettqa fuq il-karatteristiċi tal-kuntratti fis-sett ta' dejta. L-ewwel nett, l-analiżi ta' rigressjoni tippermetti li jitfassal prezz ta' referenza abbażi tal-karatteristiċi tal-kuntratti fis-sett ta' dejta ("tbassir mid-dejta miġbura"). It-tieni nett, ir-riżultati tal-analiżi ta' rigressjoni jintużaw sabiex jitbassar prezz ta' referenza għall-kuntratti investigati, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-kuntratti ("tbassir mid-dejta mhux miġbura"). Fl-analiżi ta' rigressjoni, il-varjazzjoni fil-prezzijiet bejn il-kuntratti fis-sett ta' dejta hija spjegata b'referenza għall-karatteristiċi li ġejjin: kwantità li nxtrat, identità tal-fornitur u kampjuni ta' matul is-sena. Il-varjabbli tat-"tul tal-kuntratt" u l-"profil tal-flus maħruġa mix-xerrej" mhumiex inklużi peress li mhumiex statistikament sinifikanti.

L-analiżi ekonometrika tistrieħ fuq il-prinċipju li hemm għadd ta' fatturi li jixprunaw il-prezzijiet, bħall-kwantitajiet. Ikun qarrieqi li wieħed iqabbel il-prezzijiet bejn kuntratti differenti mingħajr ma jitqiesu dawn il-fatturi. B'mod partikulari, filwaqt li l-kuntratti fis-sett ta' dejta għandhom ċerti karatteristiċi inkomuni mal-kuntratti li qed jiġu investigati (negozjati bilaterali, kundizzjonijiet *ad hoc*, kwantitajiet 'il fuq minn 150 GWh fis-sena, eċċ.), ebda kuntratt fis-sett ta' dejta m'għandu l-istess kwantitajiet, jew ma ġie konkluż għall-istess tul u bl-istess dħul fis-seħħ, bħall-kuntratti li qed jiġu investigati — fattur li jista' jiġġustifika differenzi fil-prezzijiet. Pereżempju, żewġ kuntratti li qed jiġu investigati jikkonċernaw provvisti ta' […] GWh fis-sena (Alro 2007-2010) u […] GWh fis-sena (Energy Holding 2007-2008). Sadanittant, il-kuntratt bl-ogħla kwantità fis-sett ta' dejta mill-114-il paragun bejn prezz u kuntratt osservati bejn l-2007 u l-2010 ma qabiżx l-1 400 GWh fis-sena. Huwa dubjuż jekk sempliċiment paragun tal-prezzijiet għal dawn il-kuntratti jippermettix li naslu għal konklużjoni valida dwar jekk il-kuntratti li qed jiġu investigati kinux konformi mal-prezzijiet tas-suq. Inkella, wieħed jista' jikkonkludi li dawn iż-żewġ kuntratti ma jistgħux sempliċiment jiġu kkumparati ma' kuntratti oħra tas-suq. Għaldaqstant, ir-raġunijiet għal dan l-eżerċizzju kwantitattiv huwa li ġaladarba jitqiesu għadd ta' fatturi esterni, il-prezzijiet ta' kuntratti differenti jkunu jistgħu jiġu kkumparati aħjar. Fin-nuqqas ta' normalizzazzjoni, kuntratti perfettament identiċi biss jistgħu jiġu kkumparati b'mod sinifikanti.

Ta' min jinnota li dan l-eżerċizzju empiriku m'għandux l-għan li jassumi relazzjoni kawżali bejn il-prezzijiet u xi fatturi esterni. Pereżempju, is-suppożizzjoni ta' relazzjoni kawżali bejn ċerti fatturi u prezzijiet teħtieġ li jitqies ir-riskju ta' endoġeneità: jiġifieri, ir-riskju li varjabbli kawżali (pereż. il-kwantitajiet) tiġi influwenzata hija nnifisha mill-varjabbli spjegat (pereż. il-prezz), minħabba l-omissjoni ta' varjabbli jew preġudizzju ta' simultanjetà. L-għan tal-eżerċizzju kwantitattiv huwa li "jinnormalizza" l-prezzijiet ta' kuntratti differenti sabiex jippermetti li jsir paragun aħjar bejniethom. Din in-normalizzazzjoni hija meħtieġa fin-nuqqas ta' kuntratti u karatteristiċi tal-provvista perfettament identiċi.

L-analiżi ta' rigressjoni tirrifletti l-karatteristiċi prinċipali tal-kuntratti bilaterali inkwistjoni:

— l-inklużjoni tal-varjabbli tal-kwantità fir-rigressjoni tirrifletti l-fatt li l-prezzijiet huma b'mod ġenerali inqas meta l-kwantitajiet li jinxtraw ikunu ogħla ([1]);

— l-inklużjoni tal-identità tal-fornitur tirrifletti l-fatt li xi fornituri għandhom karatteristiċi li jippermettulhom jistabbilixxu prezzijiet differenti minn oħrajn, filwaqt li jitqies li l-provvisti tal-kuntratt minn prattikament il-forniturikollha tal-elettriku attivi fir-Rumanija huma inklużi fis-sett ta' dejta;

— l-inklużjoni ta' kampjuni ta' matul is-sena tirrifletti d-dimensjoni taż-żmien u l-possibbiltà ta' bidla fil-kundizzjonijiet tas-suq minn sena għall-oħra.

F'dak li jirrigwarda l-ewwel stadju tal-analiżi empirika, ir-riżultati tal-analiżi ta' rigressjoni fuq il-kuntratti fis-sett tad-dejta huma rrapportati fit-Tabella 1 ta' hawn taħt.

([1]) Proċess preliminari tad-dejta elimina erba' kuntratti (mhux taħt suspett) li jikkorrispondu mal-bejgħ intern fil-grupp ta' ALRO mill-2007 sal-2010, peress li x'aktarx li jirriflettu kundizzjonijiet tas-suq differenti minn dawk prevalenti f'negozjati ta' kuntratt bilaterali bejn fornitur u bejjieġħ indipendenti, li huwa l-fattur kruċjali f'dal-każ.

Fir-rigward tat-tieni stadju ta' analiżi empirika, il-Kummissjoni identifikat punt referenzjarju għal kull sena u mbagħad ittestjat il-pożizzjoni tal-kuntratti relattivi għal dan il-punt ta' riferiment sabiex tikkonkludi jekk il-prezzijiet applikati minn Hidroelectrica kinux aktar baxxi jew ogħla mill-prezz ta' riferiment imbassar. Il-passi li ġejjin jiddeskrivu fid-dettall il-metodoloġija użata biex jiġi ddeterminat il-punt referenzjarju:

L-ewwel nett, minn kull kuntratt fis-sett ta' dejta, ġie ikkalkulat kemm tbiegħed il-prezz reali mill-prezz referenzjarju li jikkorrispondi miegħu, ikkalkulat abbażi tar-rigressjoni u tal-karatteristiċi tal-kuntratt;

It-tieni nett, kuntratt bl-akbar diverġenza 'l isfel ("ADI") ġie identifikat; dan kien il-kuntratt fis-sett ta' dejta li l-prezz osservat tiegħu tbiegħed l-iktar mill-prezz referenzjarju li jikkorrispondi miegħu (f'termini assoluti). Kien hemm raġunijiet, konservattivi ħafna, għall-għażla tal-kuntratt ADI, li jinvolvu medda ta' varjazzjoni taħt il-valur stmat ċentrali tal-prezz referenzjarju. L-ewwel nett, il-mudell ekonometriku ma jispjegax sew il-prezz osservat fis-sett ta' dejta u l-istima waħda tal-prezz referenzjarju ġiet ipprovduta b'intervall ta' kunfidenza u marġni ta' żball iktar jew inqas mill-istima. It-tieni nett, devjazzjonijiet minn prezz possibbli wieħed jeżistu fis-suq reali; il-kuntratt ADI, li joriġina f'kuntratt abbażi tal-kundizzjonijiet tas-suq (ara premessi 36 sa 38) jipprovdi informazzjoni kwantifikata dwar l-estent possibbli ta' tali devjazzjonijiet u jipprovdi medda abbażi tas-suq madwar il-prezz referenzjarju kkalkulat.

It-tielet nett, id-differenza fil-prezz b'relazzjoni mal-kuntratt ADI hija użata sabiex tifred kuntratti taħt il-prezz referenzjarju minn kuntratti fuqu:

— Jekk kuntratt għandu prezz osservat inqas mill-prezz referenzjarju li jikkorrispondi miegħu u jekk id-differenza fil-prezz għal dan il-kuntratt tkun iktar mid-differenza fil-prezz fl-ADI, mela dan il-kuntratt jitqies *prima facie* mhux konformi mas-suq;

— Inkella l-kuntratt jenħtieġ li dejjem jitqies bħala konformi mas-suq;

It-tabella hawn taħt tippreżenta riżultati dettaljati mill-analiżi ta' rigressjoni tal-kampjun ta' kuntratti mis-sett ta' dejta. Ir-rigressjoni tispjega 74 % tal-varjazzjonijiet fid-dejta, li hija relattivament adegwata. L-istimi koeffiċjenti ppreżentati fit-tabella hawn taħt huma użati f'tieni stadju sabiex jitbaxxa l-prezz "referenzjarju" għall-kampjun ta' kuntratti li qed jiġi investigat ("tbassir mid-dejta mhux miġbura").

Ir-riżultati tal-analiżi ekonometrika

Tabella 1

Analiżi ta' rigressjoni [1]

Varjabbli dipendenti: Prezz medju	Koeffiċjenti	Żball standard
Kwantità annwali (GWh)	– 0,01951**	0,007878
Sena 2008	22,58369***	4,781887
Sena 2009	30,73545***	5,471158
Sena 2010	21,32171***	5,695673
ALPIQ ROMENERGIE	– 2,34966	9,310078
ALPIQ ROMINDUSTRIES	– 5,47044	9,975876
ARCELORMITTAL GALATI	– 1,78779	14,62595
AXPO ENERGY RO	0,896041	10,40766
CE HUNEDOARA	38,02612***	11,41575
CE OLTENIA	27,86802***	9,458818
CEZ VANZARE	9,515878	11,40325
EFT RO	2,966594	18,83573
ELECTRICA	9,787691	11,04511
ELECTROMAGNETICA	– 9,19285	9,553932

Varjabbli dipendenti: Prezz medju	Koeffiċjenti	Żball standard
ENEL ENERGIE MUNTENIA	16,97181	12,529
ENERGY HOLDING	– 34,5329***	9,620757
ENERGY NETWORK	36,58137***	12,47443
EON ENERGIE	3,589147	12,43953
EURO-PEC	0,511251	9,50637
HIDROELECTRICA	– 30,3327**	12,62379
NUCLEARELECTRICA	– 9,804	18,78678
OMV PETROM	6,482914	18,79837
RAAN	33,0402**	14,6577
RENOVATIO TRADING	29,5599	18,95553
TINMAR IND	0	(mhux inkluż)
Kostanti	160,5678***	8,50624
Għadd ta' osservazzjonijiet: 109 R-kwadrat = 0,7426 R-kwadrat aġġustat = 0,6691		

Nota: Prezzijiet espressi f'RON/MWh

Sors: Analiżi ta' rigressjoni tal-Kummissjoni abbażi tad-dejta ppreżentata mill-awtoritajiet Rumeni.

([1]) Żbalji standard huma ppreżentati fil-parenteżi: *** tfisser li l-koeffiċjenti huwa statistikament sinifikanti f'livell ta' 1 %, ** tfisser li huwa statistikament sinifikanti f'livell ta' 5 % u * tfisser li huwa statistikament sinifikanti f'livell ta' 10 %.

It-tabelli li ġejjin juru r-riżultati tal-analiżi empirika, li tuża l-analiżi ta' rigressjoni ddettaljata f'Tabella 1 li fiha, għal kull sena, il-kuntratt bl-akbar diverġenza 'l isfel ("ADI") ikun magħżul abbażi tad-differenza fil-livelli tal-prezz (f'RON/MWh) bejn il-prezz stmat ta' kull kuntratt u l-prezz osservat li jikkorrispondi miegħu. It-Tabelli 2-4 hawn taħt juru d-differenzi bejn il-prezzijiet tal-kuntratt ta' Hidroelectrica għal kull sena (jiġifieri: 2007-2010) fil-konfront tal-prezzijiet referenzjarji "simulati" għall-kuntratti kollha li qed jiġu investigati.

Għall-2007, il-kuntratt ADI, jiġifieri l-kuntratt fis-sett ta' dejta mhux issuspettat bl-għola differenza bejn il-prezz osservat u l-prezz stmat li jikkorrispondi miegħu, għandu differenza fil-prezz stmata għal […] RON/MWh. Żewġ kuntratti tal-Hidroelectrica għandhom prezz osservat inqas mill-prezz stmat b'differenza fil-prezz ikbar minn […] RON/MWh, speċifikament il-kuntratti ma' *Electrocarbon* u *Elsid*, b'differenza fil-prezz osservata ta' madwar […] RON/MWh (ara t-Tabella 2).

Tabella 2

Analiżi tal-kuntratti mill-2007

Isem il-klijent	Isem il-fornitur	Prezz osservat	Prezz referenzjarju	Differenza fil-prezz (f'termini assoluti)	Konformi mal-indiċi referenzjarji
Kuntratti ADI fis-sett ta' dejta					
AZOMURES SA	HIDROELECTRICA	[…]	124	[…]	

Isem il-klijent	Isem il-fornitur	Prezz osservat	Prezz referenzjarju	Differenza fil-prezz (f'termini assoluti)	Konformi mal-indiċi referenzjarji
Kuntratti li qed jiġu investigati					
Alro	HIDROELECTRICA	[…]	72	[…]	Iva
Energy Holding	HIDROELECTRICA	[…]	50	[…]	Iva
EFT	HIDROELECTRICA	[…]	127	[…]	Iva
Electromagnetica	HIDROELECTRICA	[…]	111	[…]	Iva
EURO-PEC	HIDROELECTRICA	[…]	111	[…]	Iva
Luxten-Lighting	HIDROELECTRICA	[…]	125	[…]	Iva
ELSID	HIDROELECTRICA	[…]	126	[…]	Le
Electrocarbon	HIDROELECTRICA	[…]	126	[…]	Le

Nota: Il-prezzijiet huma aġġustati 'l fuq sal-eqreb RON/MWh.
Sors: Kalkoli abbażi tal-analiżi ta' rigressjoni u tad-dejta ppreżentata mill-awtoritajiet Rumeni.

Għall-2008, id-differenza fil-prezz b'relazzjoni mal-kuntratt ADI hija stmata għal […] RON/MWh, u tliet kuntratti ta' Hidroelectrica għandhom differenza ikbar fil-prezz, speċifikament dawk ma' Luxten-Lighting, Electrocarbon u Elsid, b'differenza fil-prezz osservat ta' madwar […] RON/MWh għal Luxten-Lighting u […] RON/MWh għal Electrocarbon u Elsid (ara Tabella 3).

Tabella 3

Analiżi tal-kuntratti mill-2008

Isem il-klijent	Isem il-fornitur	Prezz osservat	Prezz referenzjarju	Differenza fil-prezz (f'termini assoluti)	Konformi mal-indiċi referenzjarji
Kuntratti ADI fis-sett ta' dejta					
PETROM SA	Energy Holding	[…]	147	[…]	
Kuntratti li qed jiġu investigati					
Alro	HIDROELECTRICA	[…]	94	[…]	Iva
Electromagnetica	HIDROELECTRICA	[…]	133	[…]	Iva
EFT	HIDROELECTRICA	[…]	149	[…]	Iva
Energy Holding	HIDROELECTRICA	[…]	73	[…]	Iva
EURO-PEC	HIDROELECTRICA	[…]	133	[…]	Iva
Luxten-Lighting	HIDROELECTRICA	[…]	147	[…]	Le
ELSID	HIDROELECTRICA	[…]	148	[…]	Le
Electrocarbon	HIDROELECTRICA	[…]	149	[…]	Le

Nota: Il-prezzijiet huma aġġustati 'l fuq sal-eqreb RON/MWh.
Sors: Kalkoli abbażi tal-analiżi ta' rigressjoni u tad-dejta ppreżentata mill-awtoritajiet Rumeni.

Għall-2009, id-differenza fil-prezz hija stmata għal […] RON/MWh, u mill-ġdid, tliet kuntratti ta' Hidroelectrica għandhom differenza ikbar fil-prezz, speċifikament dawk ma' Luxten-Lighting, Electrocarbon u Elsid, b'differenza fil-prezz osservat ta' madwar […] RON/MWh għal Luxten-Lighting u ta' […] RON/MWh għal Electrocarbon u Elsid (ara Tabella 4).

Tabella 4

Analiżi tal-kuntratti mill-2009

Isem il-klijent	Isem il-fornitur	Prezz osservat	Prezz referenzjarju	Differenza fil-prezz (f'termini assoluti)	Konformi mal-indiċi referenzjarji
Kuntratti ADI fis-sett ta' dejta					
Ductil Steel SA	Alpiq RomEnergie	[…]	187	[…]	
Kuntratti li qed jiġu investigati					
Alro	HIDROELECTRICA	[…]	102	[…]	Iva
EURO-PEC	HIDROELECTRICA	[…]	142	[…]	Iva
Alpiq RomEnergie	HIDROELECTRICA	[…]	126	[…]	Iva
Electromagnetica	HIDROELECTRICA	[…]	142	[…]	Iva
Energy Holding	HIDROELECTRICA	[…]	116	[…]	Iva
EFT	HIDROELECTRICA	[…]	157	[…]	Iva
Luxten-Lighting	HIDROELECTRICA	[…]	156	[…]	Le
ELSID	HIDROELECTRICA	[…]	157	[…]	Le
Electrocarbon	HIDROELECTRICA	[…]	157	[…]	Le

Nota: Il-prezzijiet huma aġġustati 'l fuq sal-eqreb RON/MWh.
Sors: Kalkoli abbażi tal-analiżi ta' rigressjoni u tad-dejta ppreżentata mill-awtoritajiet Rumeni.

Għall-2010, id-differenza fil-prezz b'relazzjoni mal-kuntratt ADI hija stmata għal […] RON/MWh, u żewġ kuntratti ta' Hidroelectrica għandhom differenza ikbar fil-prezz, speċifikament dawk ma' *Electrocarbon* u *Elsid*, b'differenza fil-prezz osservat ta' madwar […] RON/MWh (ara Tabella 5).

Tabella 5

Analiżi tal-kuntratti mill-2010

Isem il-klijent	Isem il-fornitur	Prezz osservat	Prezz referenzjarju	Differenza fil-prezz (f'termini assoluti)	Konformi mal-indiċi referenzjarji
Kuntratti ADI fis-sett ta' dejta					
SILCOTUB SA ZALAU	Energy Network	[…]	214	[…]	
Kuntratti li qed jiġu investigati					
ArcelorMittal Galati	HIDROELECTRICA	[…]	118	[…]	Iva
Electrica	HIDROELECTRICA	[…]	132	[…]	Iva
Energy Holding	HIDROELECTRICA	[…]	107	[…]	Iva

Isem il-klijent	Isem il-fornitur	Prezz osservat	Prezz referenzjarju	Differenza fil-prezz (f'termini assoluti)	Konformi mal-indiċi referenzjarji
Alpiq RomEnergie	HIDROELECTRICA	[…]	116	[…]	Iva
Electromagnetica	HIDROELECTRICA	[…]	132	[…]	Iva
EURO-PEC	HIDROELECTRICA	[…]	144	[…]	Iva
Alro	HIDROELECTRICA	[…]	93	[…]	Iva
Luxten-Lighting	HIDROELECTRICA	[…]	146	[…]	Iva
EFT	HIDROELECTRICA	[…]	148	[…]	Iva
ELSID	HIDROELECTRICA	[…]	147	[…]	Le
Electrocarbon	HIDROELECTRICA	[…]	148	[…]	Le

Nota: Il-prezzijiet huma aġġustati 'l fuq sal-eqreb RON/MWh.
Sors: Kalkoli abbażi tal-analiżi ta' rigressjoni u tad-dejta ppreżentata mill-awtoritajiet Rumeni.

Analiżi ta' sensittività

Fl-analiżi empirika preċedenti, il-kuntratt ADI kien definit bħala l-kuntratt fis-sett ta' dejta, li għal sena partikulari ppreżenta l-ogħla differenza fil-prezz f'termini assoluti (RON/MWh) bejn il-prezz osservat u l-prezz stmat li jikkorrispondi miegħu.

Kienet twettqet analiżi ta' sensittività sabiex tivverifika is-sodezza tar-riżultati. L-istess analiżi reġgħet twettqet, iżda bil-kuntratt ADI definit bħala l-kuntratt bl-ikbar differenza bejn il-prezz stmat u l-prezz osservat li jikkorrispondi miegħu, espress bħala perċentwal tal-prezz stmat. Fl-analiżi ta' sensittività, il-kuntratt ADI issa ġie definit bħala l-kuntratt bl-ikbar differenza bejn il-prezz stmat u l-prezz osservat li jikkorrispondi miegħu, espress bħala perċentwal tal-prezz stmat. Filwaqt li din l-analiżi m'għandhiex taffettwa b'mod sinifikanti l-għażla tal-kuntratt ADI, tista' taffettwa l-kuntratti li jiġu magħżula. Ir-riżultati jidhru fit-Tabelli 6-9 hawn taħt. Dawn jikkonfermaw il-validità tar-riżultati mill-analiżi prinċipali.

Tabella 6

Analiżi ta' sensittività tal-kuntratti mill-2007

Isem il-klijent	Isem il-fornitur	Prezz osservat	Prezz referenzjarju	Differenza fil-prezz (bħala perċentwal)	Konformi mal-indiċi referenzjarji
Kuntratti ADI fis-sett ta' dejta					
AZOMURES SA	HIDROELECTRICA	[…]	124	[…] %	
Kuntratti li qed jiġu investigati					
Alro	HIDROELECTRICA	[…]	72	[…]	Iva
Energy Holding	HIDROELECTRICA	[…]	50	[…]	Iva
EFT	HIDROELECTRICA	[…]	127	[…]	Iva
Electromagnetica	HIDROELECTRICA	[…]	111	[…]	Iva
EURO-PEC	HIDROELECTRICA	[…]	111	[…]	Iva

Isem il-klijent	Isem il-fornitur	Prezz osservat	Prezz referenzjarju	Differenza fil-prezz (bħala perċentwal)	Konformi mal-indiċi referenzjarji
Luxten-Lighting	HIDROELECTRICA	[…]	125	[…]	Iva
ELSID	HIDROELECTRICA	[…]	126	[…]	Le
Electrocarbon	HIDROELECTRICA	[…]	126	[…]	Le

Nota: Il-prezzijiet huma aġġustati 'l fuq sal-eqreb RON/MWh.
Sors: Kalkoli abbażi tal-analiżi ta' rigressjoni u tad-dejta ppreżentata mill-awtoritajiet Rumeni.

Tabella 7

Analiżi ta' sensittività tal-kuntratti mill-2008

Isem il-klijent	Isem il-fornitur	Prezz osservat	Prezz referenzjarju	Differenza fil-prezz (bħala perċentwal)	Konformi mal-indiċi referenzjarji
Kuntratti ADI fis-sett ta' dejta					
PETROM SA	Energy Holding	[…]	147	[…] %	
Kuntratti li qed jiġu investigati					
Alro	HIDROELECTRICA	[…]	94	[…]	Le
Electromagnetica	HIDROELECTRICA	[…]	133	[…]	Iva
EFT	HIDROELECTRICA	[…]	149	[…]	Iva
Energy Holding	HIDROELECTRICA	[…]	73	[…]	Iva
EURO-PEC	HIDROELECTRICA	[…]	133	[…]	Iva
Luxten-Lighting	HIDROELECTRICA	[…]	147	[…]	Le
ELSID	HIDROELECTRICA	[…]	148	[…]	Le
Electrocarbon	HIDROELECTRICA	[…]	149	[…]	Le

Nota: Il-prezzijiet huma aġġustati 'l fuq sal-eqreb RON/MWh.
Sors: Kalkoli abbażi tal-analiżi ta' rigressjoni u tad-dejta ppreżentata mill-awtoritajiet Rumeni.

Tabella 8

Analiżi ta' sensittività tal-kuntratti mill-2009

Isem il-klijent	Isem il-fornitur	Prezz osservat	Prezz referenzjarju	Differenza fil-prezz (bħala perċentwal)	Konformi mal-indiċi referenzjarji
Kuntratti ADI fis-sett ta' dejta					
Ductil Steel SA	Alpiq RomEnergie	[…]	187	[…] %	
Kuntratti li qed jiġu investigati					
Alro	HIDROELECTRICA	[…]	102	[…]	Iva
EURO-PEC	HIDROELECTRICA	[…]	142	[…]	Iva

Isem il-klijent	Isem il-fornitur	Prezz osservat	Prezz referenzjarju	Differenza fil-prezz (bħala perċentwal)	Konformi mal-indiċi referenzjarji
Alpiq RomEnergie	HIDROELECTRICA	[…]	126	[…]	Iva
Electromagnetica	HIDROELECTRICA	[…]	142	[…]	Iva
Energy Holding	HIDROELECTRICA	[…]	116	[…]	Le
EFT	HIDROELECTRICA	[…]	157	[…]	Iva
Luxten-Lighting	HIDROELECTRICA	[…]	156	[…]	Le
ELSID	HIDROELECTRICA	[…]	157	[…]	Le
Electrocarbon	HIDROELECTRICA	[…]	157	[…]	Le

Nota: Il-prezzijiet huma aġġustati 'l fuq sal-eqreb RON/MWh.
Sors: Kalkoli abbażi tal-analiżi ta' rigressjoni u tad-dejta ppreżentata mill-awtoritajiet Rumeni.

Tabella 9

Analiżi ta' sensittività tal-kuntratti mill-2010

Isem il-klijent	Isem il-fornitur	Prezz osservat	Prezz referenzjarju	Differenza fil-prezz (bħala perċentwal)	Konformi mal-indiċi referenzjarji
Kuntratti ADI fis-sett ta' dejta					
ARCELORMITTAL GALAȚI	Electrica	[…]	182	[…] %	
Kuntratti li qed jiġu investigati					
ArcelorMittal Galați	HIDROELECTRICA	[…]	118	[…]	Iva
Electrica	HIDROELECTRICA	[…]	132	[…]	Iva
Energy Holding	HIDROELECTRICA	[…]	107	[…]	Iva
Alpiq RomEnergie	HIDROELECTRICA	[…]	116	[…]	Iva
Electromagnetica	HIDROELECTRICA	[…]	132	[…]	Iva
EURO-PEC	HIDROELECTRICA	[…]	144	[…]	Iva
Alro	HIDROELECTRICA	[…]	93	[…]	Iva
Luxten-Lighting	HIDROELECTRICA	[…]	146	[…]	Iva
EFT	HIDROELECTRICA	[…]	148	[…]	Iva
ELSID	HIDROELECTRICA	[…]	147	[…]	Le
Electrocarbon	HIDROELECTRICA	[…]	148	[…]	Le

Nota: Il-prezzijiet huma aġġustati 'l fuq sal-eqreb RON/MWh.
Sors: Kalkoli abbażi tal-analiżi ta' rigressjoni u tad-dejta ppreżentata mill-awtoritajiet Rumeni.

Il-prezzijiet tal-elettriku fil-kuntratti bejn Hidroelectrica u Luxten-Lighting, Electrocarbon u Elsid għadhom ma nstabux konformi mal-prezz referenzjarju. Id-differenzi perċentwali fil-prezz huma konsiderevolment ogħla għall-kuntratti ma' Luxten-Lighting għas-snin 2008 u 2009 u ma' Electrocarbon u Elsid għall-perjodu 2007-2010. Barra minn hekk, jidhru żewġ kuntratti oħra, speċifikament ma' Alro fl-2008 u ma' Energy Holding fl-2009. Fiż-żewġ każi d-differenza perċentwali fil-prezz hija qrib ħafna tad-differenza fil-prezz bħala perċentwal għall-kuntratt ADI. Il-prezz osservat għall-kuntratt tal-2008 ma' Alro huwa […] % inqas mill-prezz stmat, filwaqt li d-differenza perċentwali fil-prezz f'relazzjoni mal-kuntratt ADI kienet […] % fl-2008. Il-prezz osservat għall-kuntratt tal-2009 ma' Energy Holding huwa […] % inqas mill-prezz stmat, filwaqt li d-differenza perċentwali fil-prezz f'relazzjoni mal-kuntratt ADI kienet […] % fl-2009. Kollox ma' kollox, dawn iż-żewġ kuntratti għandhom jiġu kkunsidrati konformi mal-prezz referenzjarju.

Barra mill-analiżi ta' sensittività prinċipali mwettqa billi l-ADI ġie definit bħala differenza perċentwali b'relazzjoni mal-prezz referenzjarju, li kkonfermat il-validità tar-riżultati, twettqu aktar testijiet ta' sensittività tar-riżultati miksuba mid-definizzjoni preferuta ta' ADI f'valuri assoluti, kif ġej:

— Valutazzjoni pożittiva arbitrarja ta' 10 % ġiet imnaqqsa mill-valur assolut tal-ADI: l-ADI modifikat ma jaffettwax il-konklużjoni għall-kuntratti li qed jiġu investigati mill-2008, l-2009 u l-2010. Għall-2007, differenza ta' 2.5 RON/MWh inqas mill-prezz applikat ta'[…] RON/MWh tidher għal EFT (jiġifieri, il-prezz konformi mal-prezz referenzjarju kellu jkun […] RON/MWh); din id-differenza, mhux osservata għal prezzijiet ta' EFT fl-2008, l-2009 u l-2010, hija meqjusa negliġibbli;

— Bl-istess mod, l-użu tat-tieni devjazzjoni 'l isfel (it-2ni DI) bħala referenza jaqbad biss żewġ kuntratti oħra (Luxten-Lighting u EFT) għall-2007, iżda dan ma jfissirx li kwalunkwe kuntratt ieħor li qed jiġi investigat fil-perjodu analizzat se jidher li huwa inqas mill-prezzijiet referenzjarji jew li l-kuntratt ma' EFT se jidher li huwa inqas mill-prezz referenzjarju għall-2008, l-2009 u l-2010;

— Dejta ta' rigressjoni mill-2011, li ma ġietx ittestjata inizjalment, kienet introdotta: anki jekk il-valuri li jidhru fit-Tabelli 2 sa 5 jinbidlu ftit, ir-riżultati kwalitattivi jibqgħu l-istess;

— Prezzijiet ta' kuntratti investigati meqjusa li huma konformi mal-prezz referenzjarju ġew introdotti mill-ġdid fir-rigressjoni bħala sett ta' dejta (fil-kampjun): f'dan il-każ ukoll, il-konklużjoni għall-kuntratti li qegħdin jiġu investigati ma tinbidilx.

Jirriżulta li dawn it-testijiet ta' sensittività addizzjonali li jirrigwardaw l-approċċ prinċipali jikkonfermaw is-sodezza tar-riżultati tal-analiżi ekonometrika.